**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 204/11 AGV**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2011 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar is-sbatax ta' Gunju, 2003 fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, liema zwieg gie registrat taht l-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv: disgha, hamsa, hamsa tas-sena elfejn u tlieta

(955/2003) hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.1.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan unikament minhabba tortijiet u htijiet imputabbli lill-intimat, stante eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimat u abbandun versu r-rikorrenti tant li l-hajja mizzewwga m'ghadhiex aktar possibbli u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi stante l-fatt illi l-intimat kien u baqa' intransigenti u m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal ftehim dwar separazzjoni bonarja ghaliex l-intimat baqa' jipposponi li jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni li kienu qablu fuqu l-kontendenti, l-esponenti ma kellhiex aktar triq ohra ghajr li tinizja dawn il-proceduri wara li giet debitament awtorizzata b'digriet (nru.1108/11) ta' din l-Onorabbli Qorti datat 14 ta' Gunju, 2011, li kopja legali tieghu qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok.1.

5. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro u dan minhabba ragunjiiet attribwibbli eskluzzivament lill-intimat.

2. Tiddikjara li l-intimat huwa obbligat li jhallas manteniment lill-esponenti ghaliha personali.

3. Tiffissa dik ir-retta alimentarja mensili ghall-hlas ta' manteniment ghall-esponenti.

4. Tordna lill-intimat ihallas il-manteniment hekk iffissat.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

6. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f'zewg porzjonijiet u mhux necessarjament ugwalment u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon iehor lill-intimat, occorrendo permezz tal-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att tal-qsim opportun u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

7. Tordna lill-intimat ihallas id-djun kollha minnu assunti minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-attrici, minghajr mal-attrici tinkorri ebda responsabbilita' dwar l-istess.

8. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni l-proprjeta' ezistenti fin-Nigeria.

9. Tiddeciedi u tiddikjara liema proprjeta' hija parafernali tal-attrici u b'konsegwenza eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti.

10. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju minnha prefiss tikkonsenja lill-esponent dawk il-beni li jigu dikjarati taghha parafernali kif ukoll dawk il-beni li jigu lilha assenjati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni u tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u fin-nuqqas

tordna lill-istess intimat sabiex ihallas lill-esponenti l-valur tal-istess beni, hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

11. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat iddekada minn dawk id-drittijiet, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kodici Civili.

12. Sussidjarjament ghat-talba precedenti, tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti iddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin.

13. Tawtorizza lill-esponenti jirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

U dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li jidhrilha huma xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huma minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut CB li eccepixxa:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irreparabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' minhabba tortijiet u htijiet unikament u eskluzzivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

2. Salv, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONTRO-TALBA**

Illi l-konvenut ipprevalixxa ruhu mid-dritt li jaghmel kontro-talba u ppremetta s-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-17 ta' Gunju, 2003.

2. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata.

3. Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli.

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet numru 1108/11 ta' dina l-Onorabbli Qorti, datat 14 ta' Gunju, 2011.

   Il-konvenut rikonvenzjonat talab lil dina l-Onorabbli Qorti:-

   1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u eskluzzivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant ighix separatament minn mal-attrici.

   2. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri hu jibqghalu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta' manteniment ghalih.

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvenzjonanta lill-konvenut zewgha rikonvenzjonata ghalih, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mill-qliegh taghha li hija ghandha jew jista' jkollha u tipprovdi dwar il-modalitaijiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi ppercepit u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhix necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici *ope sententiam.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attrici sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-medjazzjoni kontra l-attrici.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici rikonvenzjonata li eccepiet illi:-

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mhix opposta mill-esponenti, b'dan pero' illi l-esponenti tirrileva illi kien l-istess konvenut rikonvenzjonant illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti stante eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimat u abbandun versu l-attrici rikonvenzjonata.

2. Illi fir-rigward tal-ahhar bicca tal-ewwel talba in kwantu sabiex l-intimat rikonvenzjonant ighix separatament mill-attrici rikonvenzjonanta, l-attrici tirrileva illi l-intimat ilu li abbanduna lilha u d-dar matrimonjali minn bejn l-ahhar ta' Dicembru tal-2009, il-bidu ta' Jannar tal-2010, gimgha biss wara li l-attrici ffirmatlu ghac-cittadinanza Maltija u ghaldaqstant ma tarax lok ghall-opposizzjoni ta' din it-talba b'dana pero' illi l-esponenti terga' temfasizza l-fatt li t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti huwa unikament attribwibbli ghall-konvenut rikonvenzjonant.

3. Illi t-tieni talba tal-intimat rikonvenzjonant in kwantu tirreferi ghall-allegazzjoni li r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt taghha li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant u li hu jibqghalu d-dritt li jesigi manteniment ghalih minghandha, hija opposta u dan billi l-attrici rikonvenzjonata dejjem qdiet l-obbligi u r-responsabbilitajiet li jgib mieghu z-zwieg mill-ahjar li setghet fic-cirkostanzi u qatt ma kellha ragel iehor jew abbandunat id-dar

matrimonjali sabiex ikun hemm lok ghad-dekadenza da parti taghha, haga li ma tistax tinghad fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant li qabad u abbanduna d-dar matrimonjali u r-rikorrenti ilha iktar minn sena ma' tisma' minghandu, tant li ma tafx x'inhu jaghmel hu personalment u x'sar mill-hanut ta' San Pawl li jifforma parti mill-kumpanija "The Pathfinders Co. Ltd." li hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kull dritt tkun informata dwar l-istess.

4. Illi t-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant li tirreferi ghall-hlas ta' manteniment mir-rikorrenti fil-konfront tieghu jew ghall-hlas ta' somma globali versu lejh, hija opposta mill-esponenti u dan billi l-esponenti ilha minn meta telaq l-intimat rikonvenzjonant tipprova taqta' d-djun kollha li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li b'kawza ta' dawn id-djun hija qieghda minn mument ghall-iehor tistenna li l-banek jissekwestrawla l-proprjeta' immobbli parafernali taghha li qiedgha ipotekata biex taghmel tajjeb ghad-djun kollha tal-komunjoni tal-akkwisti li l-attrici rikonvenzjonata sabet ruhha fih ghaliex l-intimat rikonvenzjonant ma kienx kapaci jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg izda dejjem ra kif ghamel biex jigbed lejh u jwarrab il-flus ghall-beneficcju tieghu personali bhal li kieku dan iz-zwieg kien biss investiment finanzjarju tajjeb ghalih u r-rikorrenti kienet il-mezz biex huwa jghix hajja komda u jaghmel il-flus bla ma jaghmel xejn.

5. Illi ghaldaqstant fir-rigward tat-tielet talba ukoll, l-attrici tiddikjara illi m' ghandhiex minfejn thallas retta alimentarja bhala manteniment ghall-intimat rikonvenzjonant ghaliex il-ftit flus li taqla' mill-hanut ta' Hal Qormi qedghin imorru biex jinqata' d-dejn li jifforma parti mill-komunjoni

tal-akkwisti u appena l-banek jiddeciedu li jissekwestraw l-proprjeta' ipotekata minhabba dawn id-djun l-attrici ser tispicca b'xejn u dan ghaliex anke l-hanut ta' Hal Qormi, li hu l-uniku mezz ta' ghajxien li ghandha r-rikorrenti prezentement u proprjeta' parafernali taghha, hija ipotekata biex taghmel tajjeb ghad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti, mentri l-intimat rikonvenzjonant lanqas il-polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja li tkopri xi uhud mid-djun li ghandhom, m'ghadu jhallas. Di piu', it-talba tal-intimat li r-retta alimentarja mitluba minnu tigi mnaqqsa direttament mill-qliegh taghha hija wahda impossibbli ghaliex hi m'ghandhiex dhul finanzjarju jew introjtu fiss stante l-fatt li l-introjtu taghha jiddependi mill-bejgh li jkun hemm fil-hanut ta' Hal Qormi, liema qliegh qieghed imur biex jitnaqqsu d-djun li wara kollox gew fuq ir-rikorrenti a kawza tal-irresponsabilita' tal-intimat rikonvenzjonant ghaliex qabel iz-zwieg tal-kontendenti r-rikorrenti ma kellhiex xi djun iehor. Di piu' l-konvenut rikonvenzjonant ghandu mezzi sufficjenti ghall-ghixjien tieghu ghaliex huwa qieghed jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl il-Bahar u ghall-kuntrarju ta' dak li qiedgha taghmel ir-rikorrenti huwa mhux talli mhux jipprova jnaqqas id-djun tal-komunjoni tal-akkwisti bil-qliegh li qieghed jaghmel minn dan il-hanut, izda talli qieghed biss izid id-djun tal-komunjoni billi jixtri l-merkanzija u ma jhallasx ghaliha! L-intimat rikonvenzjonant ghandu l-mezzi sufficjenti ghall-ghajxien tieghu stante l-fatt li bhala huwa qieghed jiggestixxi wiehed mill-hwienet li ghandhom il-kontendenti u di piu' wasal fl-ahhar ta' course l-universita' u ghalhekk anke jekk il-hanut ma jibqax ghandhom huwa dejjem jista' jsib impjieg alternattiv tajjeb, haga li r-rikorrenti ma tistax taghmel ghaliex hija m'ghandhiex livell ta' skola gholi. Kien ghalhekk li l-attrici talbet li jkun infatti l-intimat rikonvenzjonant li jhallas manteniment ghaliha.

6. Illi r-raba' talba hija totalment opposta mill-esponenti u dan in vista tal-fatt li kien unikament il-konvenut rikonvenzjonant li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghaldaqstant certament li m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti.

7. Illi ghal hames talba attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-likwidazzjoni tal-assi u d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll it-talba ghan-nomina ta' nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja mhuwiex opposti, b'dana illi l-qsim f'zewg porzjonijiet ma jsirux necessarjament b'mod ugwali b'tali mod illi jekk jirrizulta li huwa l-kaz, il-konvenut rikonvenzjonant jitlef il-jedd tieghu ghal nofs l-akkwisti illi kien hemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg sar principalment bil-hidma u hlas da parte tal-esponenti u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi s-sitt talba sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza mhijiex opposta b'dana illi l-intimat rikonvenzjonant ma gab l-ebda beni parafernali mieghu fiz-zwieg ghajr cirka erba' kotba, il-bqija dejjem kienu beni parafernali tal-esponenti li servew bhala bazi ghaz-zwieg tal-kontendenti u ghaldaqstant l-esponenti tirribadixxi illi fil-fatt huwa l-konvenut rikonvenzjonant li ghandu jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha partikolari, ossija parafernali, inkluz flus u ghodda, li jinstabu fil-pussess tieghu u huma goduti minnu jew minn qrabatu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

**FATTI**

1. L-attrici tghid li kienet ilha fin-negozju minn meta kienet zghira ma' missierha u mbaghad meta miet fl-1993, kienet fethet il-hanut ta' Hal Qormi jbiegh groceries u confectioneries.

2. Il-partijiet iltaqghu permezz tal-internet fl-2002 minn fuq chatroom. Imbaghad bdew jikkomunikaw permezz tal-email u dan kien ahjar minhabba d-differenza fil-hin peress li l-konvenut kien joqghod l-India. Maz-zmien kellhom aktar kunfidenza u taw in-numru tat-telephone lil xulxin. Il-konvenut kien ighid lill-attrici li kien qed isibha difficli jghix l-India minkejja li kien qed jistudja l-kompjuter. Kien ighid lill-attrici li gieli ma kienx ikollu x'jiekol u kien imur jahdem bhala "extra" fil-films. In kontro-ezami, il-konvenut jametti li kien baghat kartolina tal-Milied lill-attrici u kien qallha li jhobbha minkejja li qatt ma kien iltaqa' maghha, izda jghid li kienu ilhom jikkomunikaw sa dak iz-zmien.

3. Kien beda jsaqsi lill-attrici biex jigi Malta u tghid li ghall-bidu mir-ritratti li kien jibghatilha ma tantx kellha xi gibda partikolari lejh, pero' kienet thossha komda titkellem mieghu. Minkejja li ma kinitx irrispondietu mill-ewwel, kienet imbaghad accettat u kienet thabtitlu biex takkwistalu l-Visa u hallsitlu l-passagg biex jigi Malta. Wasal Malta fit-28 ta' Jannar, 2003 b'basket, b'erba' kotba u l-hwejjeg kienu dawk ta' fuqu biss. Flus ma kellu xejn. Kien mar ighix maghha gewwa terran f'Hal Qormi u kien igib ruhu sew maghha ghall-bidu u anke ma' binha li dak iz-zmien kellu erbatax-il sena. Il-konvenut in kontro-ezami jispjega li kien qalilha li kellu part-scholarship ghall-Universita' l-Kanada u li kellu l-intenzjoni li jitlaq mill-India u jmur jistudja hemm, izda mbaghad kienet l-attrici li kienet hajjritu biex jigi jistudja Malta. Jametti ukoll li dak iz-zmien is-sitwazzjoni

finanzjarja tieghu ma kinitx wahda mill-ahjar, izda kellu parti mill-Universita' mhallsa peress li kellu scholarship u ghalhekk kien jaffordja jmur il-Kanada. Biex gie Malta jghid li kien gab il-maggorparti tal-flus li kien jaqla' meta kien jahdem fl-industrija tal-films fejn kienu jithallas bejn €50 u €100 ghal kull shot.

4. Il-Visa kienet giet mgedda diversi drabi, izda mbaghad tawh *deadline* biex jitlaq mill-pajjiz u kien hawn li beda jissikka lill-attrici biex jizzewwgu sabiex ikun jista' joqghod Malta, u l-attrici minn naha taghha ma tantx kellha intenzjoni ta' zwieg u oltre minn hekk ma tantx kienet tafu sew. Fl-istess hin kienet rabtet qalbha mieghu u accettat li jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu fis-17 ta' Lulju, 2003. L-attrici kienet izzewwget b'intenzjonijiet ta' mhabba, izda l-konvenut kellu skopijiet ulterjuri. In kontro-ezami, il-konvenut jinsisti li d-decizjoni li jibqa' Malta kienet decizjoni tat-tnejn u li kieku ma kinux izzewwgu kien imur il-Kanada biex jistudja.

5. L-attrici tametti fil-fatt li saret thobbu u kienet hasbet li sabet persuna li jirrispettaha. Ghall-bidu kien jidher bniedem edukat, intelligenti, jaf immur man-nies, dhuli u cajtier. Imbaghad, wara li zzewwgu, gab il-licenzja fis-17 ta' Frar, 2004 u l-konvenut kien beda jrid jaghmel kollox wahdu. Kien qaleb mill-hazin ghall-aghar. Kien beda ma jkellimx lill-attrici, jitlaq mid-dar bla ma tkun taf fejn sejjer jew jidhol tard id-dar. Kien il-hin kollu jitkellem man-nies bil-mohbi u jibghat il-flus lin-nies li ma kinitx tafhom. Il-konvenut jichad din il-verzjoni tal-attrici u jghid li hu ried jistudja l-Universita' u l-attrici kienet talbitu biex jipposponi ghall-mument biex jibnu n-negozju flimkien. Il-konvenut jinnega dan, anzi jinsisti li kienu jaghmlu kollox flimkien.

Sa qabel ma zzewwget lill-konvenut, l-attrici tghid li ma kellhiex dejn fuq il-hanut, ghax fil-fatt sa sentejn wara li kienet akkwistatu kellha kollox mhallas.

Il-konvenut jinsisti li b'hafna xoghol flimkien irnexxielhom izidu l-bejgh bit-300% aktar minn dak li kien jigi ddikjarat fil-Vat. Kien hawn li ddecidew li jespandu, ghalhekk hadu loan mill-Bank of Valletta plc., krew hanut adjacenti. Kienu waqqfu s-socjeta' Pathfinders Co. Ltd. fl-4 ta' Awissu, 2003 sabiex il-konvenut seta' jgib il-prodotti minn barra u kienu rregistraw Vat numru gdid, li bdew juzaw minflok ghaz-zewg hwienet. Kienu akkwistaw il-permess u fethu bieb biex jinfdu l-hwienet u xtraw xi freezer. L-attrici tghid li l-kumpanija kienet taghmel qliegh u bil-qliegh ta' Hal Qormi kienet thallas il-loan tal-hanut ta' San Pawl il-Bahar u mill-kumplament kienet tixtri l-istock ghall-hwienet. Tghid li ma kinux jiehdu paga, madanakollu ma kinitx taf x'kien jaghmel il-konvenut peress li kien jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl. Tkompli tghid li kienu jghixu mill-prodotti tal-ikel u prodotti ohra tal-hwienet. Ghall-prodotti l-ohra kienu jiehdu mill-flus generati mill-hwienet.

Kienu hadu loan ta' Lm100, 000 mill-HSBC biex jikru l-hanut ta' San Pawl. Kienu rrangaw il-hanut billi xtraw tlett airconditions, ghamlu l-madum, xtraw "sliding doors" bidlu l-bieb tal-entratura, flimkien ma' Isuzu Elf trukk b'numru ta' registrazzjoni ABO 381. Ighid li kienu xtraw freezers mill-AHT Austria u kienu ffirmaw ftehim biex ikunu *sole agent* taghhom. Kienu anke bidlu s-sistema tal-computer ghall-cash register. Il-konvenut ighid li hu kien ghamel is-sistema elettrika fil-hanut ta' San Pawl u kien biddel dik ta' Hal Qormi.

6. L-attrici tghid li kien il-hin kollu jipprovokaha, imeriha u juri nuqqas ta' responsabbilita' lejn l-affarijiet tal-hanut u meta jfettilu jinjoraha kompletament. Kien beda jikkmandaha u fejn ma taqbilx mieghu l-attrici, xorta kien jaghmel li joghgbu. Fit-12 ta' April, 2007 kien xtara trukk li xtrah minn flus li suppost kellu jhallas lill-bank.

7. Dwar il-familja tieghu, l-attrici tghid ma tantx kienet taf u fuq insistenza taghha kien beda jcempel lil ommu, izda mbaghad kien beda jcempel ukoll hafna nies li ma kinitx taf minn huma. Kien hemm xi hadd joqghod Spanja u kien ighid li kienet zijtu. L-attrici saret taf li kien jibghatilha l-flus. Kien imbaghad beda jhalli l-mobile fuq "silent" biex ma tindunax li kienu qed icemplulu, imbaghad kien icemplilhom lura. Indunat minhabba li kellha l-ccv camera fil-hwienet, izda malli nduna kien qaccat il-wires.

8. L-attrici kienet fdatu ukoll bil-kontijiet bankarji taghha u tat-tifel u l-kumpanija li kienu waqfu flimkien bl-isem "The Pathfinders Co.Ltd." u kellu access ghalihom u kienet ukoll awtorizzatu jamministrahom. Izda l-konvenut beda jabbuza mill-fiducja taghha u beda juza' l-flus sabiex jinqeda u jixtri kull ma jkun irid. Dan huwa kollu nnegat mill-konvenut li jinsisti li kull ma nefaq kien bl-awtorizzazzjoni tal-attrici. Fost il-hafna tberbiq, l-attrici ssemmi s-segwenti:-

- Xiri ta' hafna hwejjeg tad-ditta kemm ghalih u ghal hutu;
- Xiri ta' hafna kotba ghalih u ghal hutu;
- Trukk Isuzu ghalih li qabad u xtrah u gieghla tiffirma l-kambjali;
- Kiri ta' karozza ohra sabiex juzaha flok il-van meta jmur l-Universita';
- Online payments mill-accounts tal-bank sabiex ihallas kontijiet ghall-calls fuq skype lin-nies li kien icempel;

- Trasferimenti ta' flus bl-addocc lil terzi u nies li ma kinitx taf l-attrici;
- Jibghat flus bl-addocc lil hutu gewwa l-India biex ikunu jistghu jistudjaw, ghall-kera, fees tal-universita', ilbies, kotba, transport, servizzi ta' internet, mobiles u credit, laptops u ghixien;
- Xtara affarijiet u kotba mill-flus tal-hanut u kien ha €590 mill-ismart card li kien zammhom ghalih;
- Xiri ta' mobiles u laptops mill-aqwa ghal hutu u hbiebu;
- Jigri barra u jiekol fl-aqwa restaurants, filwaqt li l-attrici dejjem kienet tkun il-hanut.
- Xtara ukoll art fin-Nigerja ghax qal li kellu pjanijiet biex jaghmel fish farm.

Kien ipperswada lill-attrici biex tiehu certi riskji finanzjarji u beda jipprova jiehu r-riegni f'idejh ghal dak li jirrigwarda n-negozju, anke minghajr l-approvazzjoni taghha. Skond l-attrici dan kien wassal sabiex ghamel is-segwenti spejjes:-

- Jaghmel spejjes ta' safar u spejjez ta' hotels u restaurants li huwa kien hareg bihom bl-iskuza li jkun jiltaqa' ma' agenti kbar barranin biex jara x'negozju gdid seta' jsib.
- Xtrat freezers godda u ohrajn ghall-hanut ta' San Pawl u ohrajn extra meta ma kellux bzonnhom;
- Xtara xkafef, wire baskets, trolleys u armar tal-hanut, air conditions;
- Xtara prodotti ghall-bejgh minn barra bl-addocc, prodotti li ma jinbieghux Malta u jiskadu malajr.

Beda jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl u beda jmexxih b'mod negligenti billi:-

- Ihaddem hafna haddiema f'daqqa fil-hanut ta' San Pawl waqt li hu kien qed jigri barra;
- Beda jafda c-cwievet tal-hanut lill-haddiema biex imexxu l-hanut ta' San Pawl u jhallihom jiehdu l-paga mill-kexxun wahedhom;
- Xtara zewg bibien ghall-hanut ta' San Pawl mill-aqwa u qala' l-bieb ta' Hal Qormi u ma gabx iehor;
- Kera cold room biex jimliha bil-prodotti tal-friza li suppost kellhom jinbieghu, izda qatt ma nbieghu.

9. L-attrici kienet generuza mal-konvenut u anke mal-familja tieghu. Kienet tatu Lm200 biex jibghathom lil huh Philip biex seta' jibda business tax-xaghar u jibda jiehu l-flus minn hemm. Pero' qatt ma nghatat spjegazzjoni ta' x'gara minn dawn il-flus. Fl-istess zmien kien ukoll ipperswadiha sabiex jifthu negozju biex jixtru l-hwejjeg mill-India u jibghatuhom in-Nigerja minn fejn setghu jbieghhom hutu u jghixu mill-profitt li jaghmlu. Ghal dan il-ghan, kienu fethu kumpanija "The Pathfinders Company Ltd." u fin-Nigerja "Compass navigator Co. Ltd." fl-2003. In-negozju beda fl-1 ta' Awissu, 2003 u biex gew trasferiti l-hwejjeg lejn in-Nigerija kien hemm diversi spejjes li hallset l-attrici. Kien hemm spiza ta' €7710.65 fi hwejjeg u dawn il-flejjes kollha hargithom l-attrici.

10. Anke mill-flus li kien jaqla' mill-hanut ta' San Pawl kien iwarrab il-flus biex jibghathom lil haddiehor u ma kienx qed igib qliegh u zgur li kien hemm bejgh ghax kienu jmorru t-trakkijiet mimlijin merkanzija.

    Kien hemm certu DE, ghalliem Malta u kien xi konsulent mal-ambaxxata Nigerjana. Skond l-attrici, il-konvenut kien ighinu ukoll finanzjarjament.

L-attrici kienet saret taf ukoll illi l-konvenut kien qed ibiegh "on credit." Bejn is-snin 2006-2007 kien inizzel rendikont dwar x'kien ikun "on credit," izda ghas-snin 2008 u 2009 m'ghandha l-ebda informazzjoni ghax ma kien ighidilha xejn. Kien ukoll isellef il-flus u ma tafx x'sar minnhom.

11. Skond l-attrici, il-konvenut kien baghat xi €14,501.16 lin-nies skonoxxuti permezz tal-Western Union. Irrizulta ukoll li kien baghat €2, 178 f'pajjizi differenti bhas-Serbia, Nigeria, South Afrika u ohrajn. Kien irrizulta ukoll li kien baghat €1,547 ghal darbtejn fl-10 ta' Marzu, 2009 lil certu Lydia Ajibode fin-Nigeria. Kienet sabet dawn id-dokumenti f'ktieb.

12. Kien anke approfitta ruhu minnha meta fl-2004 ried jikri cold room, ghax kien ikkuntatja kumpaniji barranin biex jixtri prodotti tal-friza bil-lot. Dan il-business ma gab ebda profitt.

13. F'Lulju, 2005 l-attrici kellha taghmel operazzjoni urgenti f'darha u kienet tatu l-passwords, il-cards u internet keys tal-kontijiet bankarji u wara li rkuprat baqa' jinsisti li jiehu hsieb kollox hu fil-hanut u hemm intebhet li kien qed jibghat flus lin-nies u kellu access ghal kollox sa Dicembru, 2009 cioe' meta nfirdu. Il-konvenut jerga' jinnega dan u jghid li t-tnejn kienu jafu li c-cwievet kienu jinstabu f' cupboard.

14. Wara li fethu l-hanut San Pawl ir-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar, ghax il-konvenut kien intefa' hemm u hi kienet tlahhaq maz-zewg hwienet. Lanqas kienu jieklu flimkien. Il-konvenut kien jidhol id-dar, jinhasel u jerga' johrog u kien jahdem bil-Hadd b'kollox u kienet tinsel tghinu. Imbaghad il-konvenut kien insista li ma tinzilx izjed u kien jirritorna d-dar tard, minkejja li l-hanut kien jaghlqu fid-9 pm.

15. L-attrici tghid li l-konvenut kien izieghel biha u kien ikollhom relazzjonijiet intimi biss meta kellu bzonn xi haga, il-bqija kien jinjoraha. F'Dicembru, 2009 kienu baghtu ghalihom ghax il-konvenut kien applika ghac-cittadinanza u kellha tiffirmalu. Pero' sa dak iz-zmien kienet idejjqet mis-sitwazzjoni u kienet iddecidiet li tirreagixxi. Kienet gabret id-dokumenti kollha li kellha u sakkrithom fil-van li kienet isuq. Kienet ukoll hadet lura l-internet keys u kien irrabja, tant li bezghet u ssakret fil-kamra tal-banju sal-ghada. Dakinhar il-konvenut kien taha lura c-cwievet tal-post fejn kienu joqoghdu u qatt ma rega' gie lura.

16. L-attrici thoss li kienet twajba wisq u l-konvenut kien approfitta ruhu minnha. Kien prattikament irrovinalha n-negozju li tant hadmet ghalih u hallilha hafna dejn li qed ikollha thallas hi u sadanittant hu kien ghadu jahdem fil-hanut ta' San Pawl u jzomm il-flus ghalih. Dan kollu halla effett hazin fuq l-attrici fizikament.

## PROPRJETA' PARAFERNALI

### 1. HANUT TA' HAL QORMI

Dan il-hanut kienet xtratu u armatu l-attrici waqt l-ewwel zwieg taghha u meta sseparat fil-11 ta' Dicembru, 2001 kien spicca kollu f'idejha u ghaldaqstant ma jappartjenix il-komunjoni tal-akkwisti.[1] Dak kollu li eventwalment inxtara, inkera u gie nvestit matul is-snin, inkluz iz-zmien li ghamlet mal-konvenut kien permezz tar-risorsi parafernali taghha, kif ukoll mill-flus tan-negozju tal-hanut tal-grocer fi Triq il-Helsien, f'Hal Qormi, li ghadha tmexxi sal-lum. Qabel dan il-hanut tal-grocer kien jismu

[1] Ara Dok. TM1 a fol.94 tal-process.

"Hudson," imbaghad meta saret taf lill-konvenut sar maghruf bhala "Hudson Pathfinders." L-attrici kienet xtratu gebel u saqaf u armatu u kienet fethietu fis-sena 1993 bil-permessi u armar kollu.[2] L-attrici tghid li kellha negozju li jmur tajjeb hafna u jiggenera ammont tajjeb ta' klijentela. Kienet tiehu hsieb kollox hi, anke tixtri minghand l-agenti, tarma u anke tnaddaf. Kienet tiftah mis-6.00 am sas-1.00 pm u mbaghad mill-4.00 pm sas-7.00 pm fix-xitwa u s-sajf sat-8.00 pm, minbarra l-Erbgha u l-Hdud ghax kienet tiftah nofs ta' nhar biss.

L-attrici tghid li sa meta saret taf lill-konvenut, il-hanut kien armat tajjeb hafna[3] u kull ma bidlet wara li saret tafu kienu biss xi erba' jew hames fridges/freezers.  Tghid li ghamlet xi zmien kriet il-hanut imbaghad mis-sena 2001 regghet bdiet tiehu hsiebu wahedha. Kienet tahdem bil-VAT no. 1563 9523 gdid fuq isimha. Minn dejjem kienet tahdem bhala self-employed u tghid ghal kwalsiasi negozju li bniet mill-bidu kienet tissellef mill-bank u dejjem hallset regolarment u ghalhekk kienet bniet relazzjoni tajba maghhom.

**<u>PROPRJETA' PARAFERNALI OHRA TAL-ATTRICI</u>**

1. Garaxx kbir bl-isem ta' "Hudson Garage," Nru. 36, Triq is-Sajf, Qormi, liema garaxx kienet giet proprjeta' eskluzziva taghha mas-separazzjoni minn mal-ewwel ragel taghha permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fil-11 ta' Dicembru, 2001, fejn fil-kuntratt

[2] Ara Dok.TM2 a fol. 101 tal-process.
[3] Ara Doks. TM 3 – TM 4 a fol.103/104 tal-process.

huwa msemmi bhala "Brother's Garage." Dan l-istess garaxx kellha tbieghu biex thallas id-dejn li kienu ghamlu biex jifthu l-hanut ta' San Pawl, peress li l-konvenut kien izomm il-qliegh ghalih u ma jaghmilx pagamenti lill-bank, tant li kellha terfa' r-responsabbilita' kollha hi wahedha. Kienet bieghetu ghall-prezz ta' €104,800 u dan jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh datat 14 ta' Ottubru, 2011.[4] Ghalhekk l-attrici qed tippretendi li tircievi l-ammont ta' €52,400 gialadarba d-dejn kien ighajjat lit-tnejn.

Tghid li apparti l-bejgh tal-garaxx kellha thallas ukoll il-bolol li kienu ammontaw ghal €12, 576 u kellha tissellef il-flus minghand il-hbieb biex thallas peress li ma kellhiex daqshekk "cash." Ghal darb'ohra l-konvenut ma kien hallas xejn minn dan l-ammont, minkejja li l-ircevuta turi mod iehor u cioe' li hu ghamel il-pagament. Tghid li tkellmet mal-Inland Revenue Department li kkonfermawlha li awtomatikament peress li ma kinux ghadhom legalment isseparati, l-ircevuta tinhareg fuq ismu.[5]

2. Il-konvenut ammetta li ghandhom id-dejn ghaliex fit-22 ta' Mejju, 2012 kien iffirma Kostituzzjoni ta' Debitu mal-HSBC permezz ta' liema obbliga ruhu li jhallas nofs is-somma ta' €4, 147 ghal hames snin kull xahar sabiex jinqata' d-dejn mal-bank. Pero' l-konvenut ma kienx qed ihallas regolarment jew addiritura ma jhallasx.

3. L-attrici tikkonferma li l-ammont tad-dejn mal-bank kien jammonta ghal €210,000 li minnhom kienet diga' hallset €104,800. L-attrici tinsisti li l-konvenut ghandu jirrifondilha l-flus kollha li hallset.

[4] Ara Dok. TM5 a fol. 105 tal-process.
[5] Ara Dok.TM6 a fol. 112 tal-process.

4. Proprjeta' parafernali ohra hija Flat numru 2, Trejqa ta' Pinto, Hal Qormi u kienet proprjeta' li giet assenjata fis-separazzjoni taghha mill-ewwel zwieg.

5. Ghandha ukoll sehem indiviz mid-dar numru 3, Triq il-Wied, B'Kara li rcevietha bhala legat minghand missierha skond testment datat 16 ta' Awissu, 1988, permezz ta' liema il-genituri taghha (ommha kienet ghadha hajja meta xehedet) kienu hallewlha d-dar, kif ukoll nofs indiviz ta' boathouse l-Mellieha. [6]

   Tghid li minhabba d-dejn li kellhom kellha taghmel garanzija bil-proprjetajiet parafernali taghha, hlief ghall-boathouse tal-Mellieha. Tghid li assumiet li thallas dan id-dejn peress li kienet tibza' li kienet tispicca titlef il-proprjetajiet parafernali taghha.

6. Il-vettura Toyota Liteace bin-numru ta' registrazzjoni BAG 574 kienet taghha u kienet giet assenjata lilha fis-separazzjoni mill-ewwel zwieg.

## <u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>

### 1. <u>HANUT TA' SAN PAWL IL-BAHAR</u>

Fis-sena 2005, il-konvenut kienet gietu l-ideja li jifthu hanut iehor biex ikollhom aktar dhul, L-attrici kienet aktar mhajjra li tixtri post milli tikri, kif ried il-konvenut, izda hekk spiccaw ghamlu. Krew mahzen f'San Pawl,

[6] Ara Dok. TM 9 a fol.117 tal-process.

li seta' facilment jigi kkonvertit f'hanut , b'kera gholja hafna ta' Lm 21 kuljum. L-iskrittura tal-kirja kienet saret fid-19 ta' Mejju, 2005.[7] L-attrici tghid li minn meta telaq il-konvenut fis-sena 2009 ma baqqghetx thallas il-kera, pero' tghid li suppost kien qed ihallas il-kera l-konvenut, izda kien hemm drabi fejn kienet giet infurmata anke permezz ta' ittri li l-pagamenti ma kinux qed jigu onorati.

Sid il-kera tal-hanut ta' San Pawl kien baghat ittra sabiex jithallsu l-arretrati ta' kera li l-konvenut kien baqa' ma hallasx. L-attrici nfurmat lis-sid tal-kera permezz ta' ittra li ma kinitx lesta li thallas il-kirja ghall-hanut li l-konvenut ma kienx qed jaghti access ghalih u kien qed igawdih hu biss.[8]

L-attrici thoss li l-konvenut kien ippjana kollox, tant li sahansitra xi gimgha qabel ma kien telaq u abbanduna d-dar, akkumula dejn b'total ta' €50,000 bhala merkanzija ghall-hanut ta' San Pawl, liema flus spiccat thallashom l-attrici u qed tippretendi li l-konvenut ihallas dan id-debitu.

2. Dwar il-meters tal-elettriku, internet u telekomunikazzjoni kollox kien ghadu f'isem il-konvenuta. Minkejja li kienet tibghat il-kontijiet lill-konvenut biex ihallashom hu, baqa' jinjorahom u llum hemm dejn ta' €24,087 li huwa dovut.[9] L-attrici tinsisti li ma tridx thallashom hi gialadarba mhux qed tuza' l-hanut u lanqas ma trid li ddawwar il-kont f'isem il-konvenut bhallikieku qed icedi d-drittijiet taghha. Sabiex ma jissospendux is-servizz, kull tant zmien, il-konvenut jaghmel xi pagament.

---

[7] Ara Dok.TM 10 a fol. 124 tal-process.
[8] Ara Dok. TMK 32-33 a fol.236-237 tal-process.
[9] Ara Dok.TM 11 a fol. 126 tal-process.

3. Hemm ukoll kont pendenti mal-Go plc. fuq it-telefon li hemm fil-hanut ta' San Pawl fl-ammont ta' €349.42. [10] L-attrici qed tirrifjuta li thallas dan il-kont anke jekk ikomplu jibghatuhulha, peress li mhix qed taghmel uzu mill-hanut hi stess. L-istess iddecidiet li twaqqaf ukoll li thallas il-permessi u l-licenzji fuq il-hanut ta' San Pawl peress li qed jaghmel uzu minnu l-konvenut. Tghid li l-ahhar darba li hallset kien fis-sena 2008. Kien ikkuntatjaha Charles Gauci mill-Go plc. f'Ottubru, 2011 sabiex jithallas il-kont u avzawha li jekk ma jithallasx kienu se jdahhluhom il-Qorti.

**<u>KUMPANIJA PATHFINDERS COMPANY LIMITED</u>**

1. Fl-4 ta' Awissu, 2003 kienu rregistraw il-kumpanija Pathfinders Company Limited, li kien isem missier il-konvenut. L-iskop kien sabiex il-prodotti u stock li kienu jixtru ghall-bejgh jinxtraw f'isem il-kumpanija u n-negozju tal-hwienet jaqa' taht l-istess kumpanija.

2. Fil-kumpanija tghid li ghandhom 50% kull wiehed u t-tnejn li huma diretturi. Bhala *share capital* tghid li kien gie mizjud ghal Lm10,000, b'Lm5000 sehem kull wiehed. [11] Tghid li mbaghad kien hemm resoluzzjoni ohra fejn l-*authorised share capital* kien zdied ghal €69,882 u dan kien fit-18 ta' Marzu, 2011.

3. L-attrici tispjega li d-dejn li kien sar mal-HSBC Bank Malta plc. biex jinghataw bhala self u overdraft biex jifthu l-hanut ta' San Pawl kien inghata lis-socjeta' Pathfinders.[12] L-izball li ghamlet kien li kienet ghamlet tajjeb ghal dan id-dejn bil-proprjeta' parafernali taghha.

---

[11] Ara Dok. TM13 a fol. 130 tal-process.
[12] Ara Dok. TM 14 a fol. 150 tal-process.

4. Mis-sena 2008 ‘l quddiem, minn meta l-konvenut beda jmexxi l-hanut ta’ San Pawl wahdu, kien qed izomm il-qliegh ghalih u ghalhekk il-financial statements l-iktar recenti qatt ma kienu jirriflettu dak li verament kien id-dhul tal-hanut, tant li beda jidher li s-socjeta’ kienet qed taghmel telf minkejja li ma seta’ kien hemm ebda raguni ghalfejn il-hanut ma jaghmilx qliegh. Jekk kien qed ikun hemm it-telf, l-attrici tghid kien minhabba li l-konvenut ma kienx qed jiggestixxi l-hanut sew u ghax kien qieghed jibghat il-flus lil terzi. Izzid ukoll li l-flus li kien qed izomm il-konvenut ma kinux ammonti zghar u dan meta kkalkolat li kienu fethu l-hanut fis-sena 2006 u kienu jdahhlu Lm600 (€1,398) kuljum, waqt li s-Sibt, il-Hadd u l-festi kienu jbieghu b’Lm1200 (€2796) u anke Lm1500 (€3495) xoghol u gieli b’Lm2000 (€4,660) kuljum.

5. Biex tissalvagwardja l-kumpanija u n-negozju, l-attrici kienet issib ruhha thallas lis-suppliers biex ma jieqfux jissupplixxu l-hwienet.

**<u>DJUN MA’ HSBC referibbli ghall-hanut ta’ San Pawl il-Bahar.</u>**

1. Is-self u overdraft kien jammonta ghal Lm126.908 (€295,695) u fil-credit cards kollha kellhom aktar minn Lm23,340 u kien hemm Visa u mastercard tal-Bank of Valletta plc. li kienu jammontaw ghal €1,400. Illum l-ammont minhabba l-interessi telghu izjed.

2. Biex armaw il-hanut mill-aqwa, kemm bhala stock u accessorji, kienu nefqu cirka Lm80,000. [13] Kienu armawh bi freezers, xkafef, bieb tal-aluminium jinfetah wahdu u shutter jinfetah bid-dawl. Kien hemm ukoll xi

[13] Ara Dok. TM 15-21 a fol. 160-166 tal-process.

hames air conditioners, wifi routers, computers u security cameras. Fil-maggorparti l-affarijiet kienu nxtraw minn barra peress li kien ordnahom il-konvenut mill-Germanja, mill-Italja, l-Awstrija u c-Cina. Il-konvenut jikkonferma li kienu jixtru prodotti ffrizati minn barra.

L-attrici tikkonferma li l-mandat ta' deskrizzjoni kien jikkonferma li l-hanut kien ghadu stokkjat sew u kien ovju li l-konvenut kien qed juzah biex jaqla' introjtu tajjeb u ghalhekk kellu biex jobbliga ruhu li jhallas il-kostituzzjoni ta' debitu.[14] Pero' l-konvenut kien jiggestixxi l-hanut hazin, peress li kien ihalli kollox f'idejn il-lavranti, anke sahansitra jiehdu l-paga taghhom, bla ma jzomm rendikont ta' kemm hadmu sieghat u granet.

3. Dwar il-hanut ta' Hal Qormi kienu ntefqu biss Lm6,200 peress li l-attrici kienet armatu l-ewwel fis-sena 1993 u rrangatu fis-sena 2001. Dawn kienu ttiehdu mil-loan. Mis-sena 2009, minn meta telaq il-konvenut, l-attrici tghid li hallset mill-flus tal-hanut ta' Hal Qormi, is-somma ta' €35,000 bhala pagamenti mensili. Tghid madanakollu, li l-hanut ta' San Pawl, li nfetah fis-sena 2006, kellu dhul tajjeb daqs il-hanut ta' Hal Qormi. Illum dan il-hanut hadu lura s-sid.

4. L-attrici tghid li ghall-bidu, il-konvenut kien jaghtiha rendikont ta' x'kien l-introjtu mill-hanut ta' San Pawl u flimkien mal-introjtu ta' Hal Qormi kienu jiddepositaw il-flus fil-kont tal-overdraft. Mis-sena 2008, il-konvenut beda jibghat il-flus lill-familjari u terzi u kien anke xtara art fin-Nigeria bil-credit card.

5. F' Gunju, 2009, l-HSBC kien qaleb l-overdraft ghal wiehed ta' loan u l-attrici tghid li bdiet thallas id-dejn wahedha. Parti mid-dejn tghid hallsitu

[14] Ara Dok. TM 22 a fol. 167 tal-process.

permezz ta' *standing orders*.[15] Kienet ghamlet xi pagamenti cash ukoll u bejn Dicembru, 2009 u Gunju, 2010 kienet hallset xi €28,000.[16] Il-konvenut kien minn wara dahar l-attrici, imur jitlob estenzjoni fuq il-credit cards u kienu jtihuielu peress li l-attrici kienet thallas id-dejn regolarment, izda sakemm kienet thallas kien jerga' jzid id-dejn.

6. Imbaghad l-attrici kienet indunat li peress li kellu l-internet keys, il-konvenut kien qed jitrasferixxi l-flus mill-kont tal-kumpanija ghall-kontijiet privati tieghu jew jibghathom lil terzi.[17] Tghid ukoll li l-konvenut kien ukoll biddel il-Vat number biex ma jurihx x'kien qed idahhal. Isemmi ukoll incident fejn il-konvenut kien mar il-hanut ta' Hal Qormi u qabad u ha xi kaxxi tal-birra u rollijiet tal-cash register u kien hadhom b'certu forza li kwazi waqqa' lill-attrici. Spiccat li kellha taghmel rapport, minkejja li l-konvenut qed jallega li l-attrici ppruvat isawwtu.[18]

   F' Dicembru, 2009, il-konvenut kien ghamel ordni ghall-merkanzija ghall-hanut ta' San Pawl[19] u kien telaq mid-dar matrimonjali qabel ma hallashom, L-attrici spiccat kellha thallashom hi u llum gew saldati. Il-konvenut kien jiehu ukoll oggetti mill-hanut ta' Hal Qormi u qatt ma kien jaghti rendikont ghalihom. Skond il-Vat return tas-sena 2009 ghall-hanut ta' San Pawl kien hemm qliegh ta' €203, 520.95. [20]

   Il-konvenut jaghti verzjoni kontrastanti dwar il-kwistjoni tal-Vat. Ighid li qabel is-sena 2003, l-attrici kienet tbiegh minghajr ma tohrog ircevuta fiskali u kien wissiha li dan ma kienx sew. Ighid li d-department tal-VAT kien investigaha u kienet wehlet multa ta' iktar minn €10,000. Minkejja li

[15] Ara Doks. TM 23-27 a fol. 180-209.
[16] Ara Dok. TM 28 a fol.210 tal-process.
[17] Ara Doks TM 29-30 a fol. 213- 233.
[18] Ara Dok. TM 31 a fol. 234 tal-process.
[19] Ara Dok. BP 18 a fol.1439 tal-process,
[2020] Ara Dok. BP 19 a fol.1462 tal-process.

biddlu s-sistema tal-computer, il-konvenut jinsisti li l-attrici xorta baqqghet tbiegh minghajr ma tohrog ircevuti. Jahseb li kien hemm zmien li kienet qed tiehu l-flus apparti u ma tarmax il-hanut ta’ Hal Qormi u bhala rizultat kienet tatu €30,000 li kienet hadet minn negozju, bla ma qaltlu u kien iddeposithom il-bank.

L-attrici pero’ tghid li l-konvenut kien juza’ l-kont taghha u kien anke jittrasferixxi xi flejjes u spiccat biex giet investigata mill-Vat Department qabel Mejju, 2006. Spiccaw biex wehlu multa ta’ €7,000 u €3,000 in konnessjoni mal-Vat u dan ghall-perjodu minn Novembru 2002-2006 fuq il-Vat numru taghha u mis-sena 2006-2008 fuq il-Vat numru tal-kumpanija.

## 7. <u>KREDITI DOVUTI MILL-KONVENUT LILL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U LILL-ATTRICI</u>

A. Omm l-attrici kienet selftihom Lm5000 sabiex igibu container minghand kumpanija Ergon, Sqallija mimli merkanzija ghall-hanut ta’ San Pawl. Permezz ta’ email saret taf li l-konvenut ma kienx uza dawn il-flus biex ihallas ghall-container, ghaliex kienu qed jitolbuh ihallas is-somma ta’ €12,000 li kienu baqghu dovuti ghal dan il-container. Ghalhekk dawn il-flus huma dovuti mill-konvenut.

B. Waqt li l-attrici kienet qed tirkupra mill-operazzjoni ta’ daharha, il-konvenut kellu access ghall-internet keys tal-attrici u rrizultalha li kien qed jittrasferixxi l-flus mill-BOV cashlink visa card bin-numru 4324 3900 3817 4021 f’kont in-Nigerja. Tghid li sabet dokument iffirmat mill-konvenut fl-14 ta’ Dicembru, 2007 mibghut lil Zenith Bank fin-Nigerja. Il-flus kienu ngibdu mill-kontijiet tal-attrici, ta’ binha u tal-kumpanija

Pathfinders. Bejn is-sena 2008 u 2009 b'kollox kien ittrasferixxa s-somma ta' €5,974. Kienet saret taf ukoll li l-konvenut kien baghat istruzzjonijiet lill-bank fin-Nigerja biex il-card tieghu tinghata lil huh biex juzaha liberalment ghall-familja tieghu.[21]

L-attrici tghid li kienet skopriet ukoll li kien qed jittrasferixxi flus mill-kontijiet tal-kumpanija u tieghu bl-uzu tal-Visa lejn Dubai u b'kollox dan kien jammonta ghal €6, 292. Il-konvenut jinnega dan u jghid li l-flus li kien jibghat kien jibghathom lil missieru biex ighin fit-trobbija ta' hutu u lil kull min kien qed ighinu sabiex tithallas l-art in-Nigeria bhal huh u kuginuh Pilot. In kontro-ezami kkonferma ukoll li kien baghat xi flus lil kugina Sarah li kien toqghod Spanja. In kontro-ezami ssemmew diversi persuni li l-konvenut gharaf bhala kugini jew hutu li baghtilhom il-flus. Jikkonferma li kien baghat flus lill-kugina Pilot peress li kienet qed tiehu hsieb il-pagamenti tal-art li hu u l-attrici kienu xtraw in-Nigerja. Jinsisti li l-hlas ma kienx sar kollu u l-art kienet ghadha qed tistenna "state of occupancy." Parti mill-pagamenti saru permezz ta' bank transfer u l-ohrajn saru permezz tal-Western Union.

In kontro-ezami, dwar il-flus li l-konvenut baqa' jibghat wara s-sena 2009, ighid li kien jibghathom lil missieru peress li hutu ma kinux in-Nigerja u biex isarraf il-flus mill-bank kien jehtieg passaport internazzjonali.

In kontro-ezami, il-konvenut jammetti ukoll li baqa' jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl wara li telaq mid-dar matrimonjali u li kien jiehu l-flus li kien jibghat in-Nigeria minn hemmhekk u kien naqas li jaghti rendikont tal-qliegh lill-accountant tal-kumpanija Pathfinders Company Limited, Joseph Sammut. Ighid dan gara ukoll minhabba li Sammut kien riedu jiffirma

[21] Ara Dok.TM34 a fol. 238 tal-process.

prokura ghall-attrici, biex tiehu hsieb il-kumpanija minghajr il-firma tieghu. Peress li dan ma kienx fl-interess tieghu, ma kienx iffirma.

L-attrici tametti li tant kien gabha fi stat dghajjef li ma setghetx tiggieled u tieqaflu mill-ewwel u kienet thallih jingurjaha u jmexxi dak li kienet dejjem stinkat ghalih billi jberbaq il-flus.

C. L-attrici tghid ukoll li meta kien l-Universita' kien gibed f'gurnata wahda biss is-somma ta' €1,500 u ma tafx ghalxiex. Fl-istess sena tghid li kien ukol gibed diversi somom ta' flus ohra mill-ATM's ta' San Pawl il-Bahar, Bugibba u l-Universita' b'total ta' €4,930.

D. Kien ukoll ha l-flus li kien jirceviha binha bhala manteniment minghand missieru FG li kien ta' Lm50 kull xahar. Kien gibed ammont li kien iktar minn €1,584.56. Dan il-kont kien f'isem l-attrici peress li t-tifel kien ghadu mhux maggorenni.

E. L-attrici tghid ukoll li kien ittrasferixxa minn fuq l-kont tal-kumpanija ghal fuq il-kont personali tieghu s-somom ta' €3,913.36 u €1,500 b'total ta' aktar  minn €6,997.92.

F. Fl-2008, marret mal-konvenut u binha n-Nigerja peress li l-konvenut kellu bzonn jaghmel passaport gdid u fl-istess hin iltaqghu mal-familja tieghu. Hemm l-attrici spiccat marret mieghu biex igibu Visa ghal tnejn minn hutu ghall-India. Ikkonvinciha ukoll sabiex ihallsu ghall-biljetti tal-ajru ghal zewg hutu li spiccaw marru maghhom l-India, ghax il-konvenut xtaqhom jistudjaw hemm. Kien ipprova jikkonvinciha biex thalli lil binha maghhom ukoll u rnexxielu.

L-attrici tghid li spiccat thallsilhom sitt xhur lukanda peress li ma sabux post tajjeb fejn jikru. Kienet hallset ukoll kors ta' sitt xhur ta' software engineering, multimedia u websites, kif ukoll spending money ghall-ikel, transport u kotba, hwejjeg li kien jonqoshom. Dawn l-ispejjes thallsu mill-credit cards tal-attrici tal-HSBC li ammontaw ghal €1,400. L-attrici tghid li l-konvenut gieghla tiffirma ukoll sabiex isiru hlasijiet mal-BOV Visa u master card.

G. L-attrici tghid li l-konvenut kien rega' kkonvinciha sabiex jerga' jibghat tlieta minn hutu, kif ukoll binha biex isegwu kors l-India ta' tlett snin fis-software engineering u teknologia relatata, Ghalhekk kien krew appartament ghal tlett snin u hallsulhom l-istitut. Saret taf minn binha stess li hut il-konvenut kienu marru l-Universita' ukoll u spiccaw hargu €7000 mill-flus li kellha go kont l-India. Il-flus f'dan il-kont kien ntefqu kollha u l-konvenut ma tahix spjegazzjoni. Apparti minn hekk kienet tibghatilhom €200 kull gimgha, li hafna drabi hut il-konvenut kienu juzawhom u jhallu lil binha bin-nieqes. Ma' dawn ukoll kienu jhallsu ghall-ikel, transport, dawl, internet u dawn kienu nhargu sostanzjalment mill-kontijiet bankarji tal-attrici f'Malta u jekk inhargu xi flus mill-kontijiet tal-konvenut dawn kienu tal-attrici ghax kien jittrasferixxi l-flus mill-kontijiet taghha.

L-attrici qed tippretendi li ghandha kreditu ta' dawk l-hlasijiet.

**<u>L-ART FIN-NIGERIA</u>**

Din l-art inxtrat fiz-zwieg u ghalhekk tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti. L-attrici tghid li ghal darb'ohra kienet dghajfa u cediet lill-konvenut u xtraw din l-art ta. 15, 252 acres ghall-prezz ta' Lm6,591.74, li imbaghad flimkien

mal-ispejjes ta' taxxi, dokumentazzjoni, l-akkwist gie jiswa' €26, 953 (Lm11,568), li kienu jinkludu ukoll l-ispejjes legali.[22] Tghid ukoll li l-kuntrattt tal-akkwist tal-art sar in-Nigeria, izda kellu jigi ffirmat ukoll minn Nutar Malti.

L-attrici tkompli tispjega li apparti xi €2,000, l-ammont kien thallas mill-*overdraft* li kellhom fuq il-kumpanija. Il-konvenut kien ighidilha li b'din l-art kellu intenzjoni li jiftah *fish farm*. Eventwalment, l-attrici tistqarr li skopriet li l-konvenut kien ordna li jsiru pagamenti bil-Western Union sabiex tithallas is-somma ta' €10, 711.22 u jidher ukoll li thallset ukoll is-somma ta' €25,070.40 permezz ta' trasferiment ta' flus mill-bank. Pero' l-attrici ghandha d-dubbji taghha kemm verament dawn il-flus intuzaw ghal dan l-iskop.[23]

L-attrici pprezentat ittra fejn gew infurmati tramite l-avukat taghhom in-Nigerija Adeoriade, li l-Gvern ta' OGUN kien xtara l-*estate* fejn kienet tinstab l-art. Tghid li l-konvenut qatt ma kien infurmaha b'din l-ittra u waqt il-korrispondenza bejn l-avukat Nigerjan u Dr. Vincent Micallef issemma' ukoll il-kugin tal-konvenut. [24] L-attrici tikkonferma li llum lanqas taf x'sar minnha din l-art.

8. L-attrici skopriet ukoll li l-flus li kien hemm fil-cards tal-HSBC li jgibu n-numri 4035710000537949, 5422012940327228, 4568821040505229, 4035710000541743 u tal-kumpanija 4035710000556063 u tal-BOV intefqu kollha mill-konvenut fin-Nigerja fuq hutu u lil terzi u flus li ntefqu

[22] Ara Dok. BP 13- BP 14 a fol. tal-process.
[23] Ara Dok. BP 15 a fol. Tal-process.
[24] Ara Dok. BP 16-17 a fol.1433-1438 tal-process.

f' Dubai fejn kien xtara tlett laptops, xi 10 mobiles HTC mill-aqwa ghal hutu. Intuzaw ukoll biex inxtrat l-art fin-Nigerja.

Tghid ukoll li kien sar transfer ghall-domiciliar Account fin-Nigerija fl-ammont ta' Lm4500. L-attrici esebit ittra iffirmata mill-konvenut, pero' kien deher isem l-attrici ukoll, fejn l-istess konvenut kien qed jawtorizza lil certu HI, li l-attrici m'ghandhiex ideja min kien, biex jigbed is-somma ta' 1750 sterlina Ingliza minn dan il-kont bin-numru 0001190000000150.[25]

9. L-attrici tghid ukoll li meta kienu n-Nigerja, il-konvenut kien fetah xi hames kontijiet bankarji u kien iddeposita l-flus go fihom, parti cash u parti mill-flus li ttiehdu mill-ATM card tal-HSBC tal-kumpanija, kif ukoll minn cards taghha personali. Kien gieghlha tiffirma prokura ghal wiehed habib tieghu sabiex jehodilhom hsieb il-kontijiet bankarji fin-Nigerja.

10. L-attrici ghalhekk tiddentifika s-segwenti djun:-

i) €116,576 prezz ta' bejgh tal-garaxx li kien proprjeta' parafernali;
ii) Pagamenti mensili ta' €2,073.50 lil Bank HSBC li hallset sal-gurnata tas-separazzjoni;
iii) Sehemha mill-qliegh tal-hanut f'San Pawl;
iv) €49, 896.41 hlasijiet lill-kredituri tal-konvenut u tal-hanut f'San Pawl li kien qed jiggestixxi l-konvenut;
v) €28, 000 flus li hallset cash lil bank biex jigi saldat parti mid-dejn;
vi) Flus kollha li huwa ttrasferixxa lil terzi jew lil hutu jew f'kontijiet mhux maghrufa kif semmiet aktar 'l fuq;
vii) Djun tal-cards personali tal-konvenut, djun li ghandhom x'jaqsmu mad-dawl, ilma u kera relattivi ghall-hanut ta' San Pawl.

[25] Ara Dok. BP 17 a fol. 1438 tal-process.

L-attrici kellha ukoll tispicca tbiegh dar li kienet proprjeta' parafernali peress li kellhom ihallsu €2200 kull xahar rispettivament. Id-dar inbieghet lil bin l-attrici ghas-somma ta' €105,000 permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Novembru, 2013 fl-atti tan-Nutar Dorianne Arpa[26], li kellu jiehu loan ghal 29 sena u dan il-loan ittiehed sabiex ihallas is-sehem tal-konvenut mid-dejn mal-Bank. Il-hlas minghand bin l-attrici se jissaldaw parti biss mid-dejn tal-Bank u cioe' sas-sehem tal-konvenut mid-dejn. L-attrici oltre minn hekk se jkollha tkompli thallas €2900 kull xahar sakemm thallas id-dejn kollu.

L-attrici tghid li mis-somma ta' €105,000 li hallas binha fuq il-bejgh tal-proprjeta' ma kinitx saldat id-dejn kollu mal-HSBC, peress li kellu jithallas ukoll Charles Grech Co. Ltd. minhabba mandat ta' sekwestru kontrihom personalment kif ukoll fuq is-socjeta' Pathfinders Company Limited ghall-ammont ta' €11, 340.11.[27] Kien hemm ukoll is-somma ta' €7350 li kellhom jitnaqqsu mill-prezz tal-bejgh tad-dar in kwistjoni, kif ukoll is-somma ta' €77.40 li jirrapprezentaw l-ispejjes relatati mas-sekwestru. Ghalhekk tikkonferma li sallum l-HSBC thallas biss is-somma ta' €86,232.60. Il-bilanc dovut lejn l-HSBC jammonta ghal €121, 385.17. Kienet hallset ukoll is-somma ta' €2630.91 lin-Nutar Arpa. L-attrici tghid li biex isalda dan l-ammont se jkollha tbiegh id-dar taghha fejn tirrisjedi u tmur tghix ma' binha, kif ukoll se tbiegh il-confectionery lit-tifel taghha u tidhol impjegata mieghu. Fil-fatt, imbaghad l-attrici kienet bieghet "Hudson Confectionery," fi Triq il-

[26] Ara Dok. PB 1 a fol.1298 tal-process.
[27] Ara Dok. PB 2 a fol.1305 tal-process.

Helsien, Qormi lil binha li kellu jiehu loan ohra mal-Bank of Valletta plc. sabiex ihallas il-prezz tal-istess hanut. [28]

L-attrici kellha tbiegh ukoll il-proprjeta' appartament li kienet proprjeta' parafernali. Tghid li dan bieghetu lil certu JK u mir-rikavat kienet saldat id-dejn kollu li kien ghad fadal mal-HSBC Bank Malta plc. [29] Ikkonfermat dan billi ukoll ikkonfermat li kienu gew ikkancellati l-ipoteki li kien hemm biex jiggarantixxu l-hlas tal-loan u li kienet hallset it-taxxa dovuta fuq it-trasferiment tal-hanut.[30] L-attrici tistqarr li hi kienet hallset is-somma ta' €12,000 ghal dawn il-finijiet, minkejja li jidher isem il-konvenut fuq l-ircevuta.

L-attrici esebit Dok. HSBC-X biex taghti kwadru shih tad-dejn, flimkien mal-imghaxijiet u charges ohra dovuti mill-partijiet u mis-socjeta' Pathfinders Co. Ltd. sakemm l-istess dejn gie saldat permezz tal-bejgh ta' diversi proprjetajiet parafernali tal-attrici.[31]

L-attrici rceviet ittra minghand il-Ministeru fejn qed jitolbu l-hlas ta' €699.04 arretrati ghal erba' snin fuq il-licenzja u li naqas li jhallas il-konvenut. [32]

Kienu nfethu ukoll proceduri ta' arbitragg kontrihom ghas-somma ta' €33,666.77,[33] liema ammont huwa dovut ghall-kontijiet tad-dawl, ilma meters u charges, spejjes legali u interessi ghall-hanut ta' San Pawl.[34]

---

[28] Ara Dok. BP 1 a fol. 1367 tal-process.
[29] Ara Dok. BP 2 a fol.1378 tal-process.
[30] Ara Doks. BP 3 – BP 4 a fol. 1380 -1381 tal-process.
[31] Ara Dok. HSBC – X .
[32] Ara Dok. PB 3 a fol. al-process.
[33] Ara Dok. BP 20 a fol.1466 tal-process.
[34] Ara Dok. PB 4 a fol. Tal-process u dok. TON 1 u TON 2 a fol. 1482- 1485.

L-attrici tghid li l-ahhar kont li hallsu kien fl-2009. Ciononostante tghid li s-servizz ma waqafx ghaliex il-konvenut kien qed jaghmel xi pagamenti u effettivament fis-16 ta' Mejju, 2012 kien ghamel pagament ta' €700,[35] pero' kien hemm zmien fis-sena 2012 fejn l-ARMS kienu nfurmawha li kienu se jwaqqfu s-servizz u hekk kienu ghamlu ghal xi zmien. Hawnhekk in kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li f'dan iz-zmien kien qed jagixxi ghan-nom tieghu personali.

Hemm arretrati fuq il-kont tat-telefon li jammonta ghal €349.42[36] u hemm sentenza kontra l-partijiet ghall-kera dovuta lil LM, li l-konvenut naqas li jhallas tul il-perjodu ta' erba' snin u dawn l-arretrati jammontaw ghal €6,300 cirka. In vista ta' dawn l-arretrati, l-attrici tghid li kienu marru l-marixalli tal-Qorti u nfurmawha li se jkollha tizgombra mill-hanut ta' San Pawl u dan skond sentenza datata 3 ta' Ottubru, 2013. [37] Il-konvenut kien mar ighix San Pawl minn Dicembru, 2009 u baqa' hemm sas-sena 2013.

Is-socjeta' Pathfinders Company Limited kienet ikkontestat l-ammont li kienet qed tippretendi l-HSBC bhala kreditu. Dan jirrizulta mill-ittra ufficjali datata 5 ta' April, 2011.[38]

L-attrici tghid li kienu rcevew ukoll kawza f'isimhom personali minn Charles Grech and Co. Limited biex ihallsu s-somma ta' €11, 340.11 fuq xorb u oggetti ohra li baqghu ma thallsux.[39] Il-konvenut in kontro-ezami jammetti li hawn kien qed jagixxi ghan-nom tieghu personali.

[35] Ara Dok.TON 3 a fol. 1486 tal-process.
[36] Ara Dok. PB 5 a fol. tal-process
[37] Ara Dok. OCT 6, OCT 10 u 11 a fol. 1338, 1346 u 1347 tal-process.
[38] Ara Dok. OCT 7 – OCT 9 a fol. 1343-1345 tal-process.
[39] Ara Dok. OCT 1 a fol. 1324 tal-process.

Mis-sena 2011 kien qed imexxi l-hanut ta' San Pawl hu u kellu numru tal-Vat tieghu personali.

Kienu qed jitolbu l-flus ukoll is-socjeta' SM Options Limited fuq xi servizzi u prodotti rezi lilhom.[40] L-attrici tghid li ma kinitx taf bihom.

Kien hemm ukoll kont iehor pendenti ma' Tutto Food Limited ghall-ammont ta' €398.[41]

Sineos ukoll kienu baghtu pretensjoni talli ssupplixxew ikel u merkanzija lis-socjeta' Pathfinders Co.Ltd. u kienu qed jaghmlu t-talba taghhom ghall-kreditu skond ftehim li kien iffirma l-konvenut maghhom ghan-nom tas-socjeta' fuq imsemmija. L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma kien semmielha dan il-ftehim.[42]

Kienet irceviet ukoll invoice minghand Ergon fejn qed jallegaw li l-ammont dovut huwa ta' €8, 326.63 , meta l-konvenut kien wieghdha li kien hallas. Ergon, il-kreditur kien imur jitlobhom il-flus kull xahar. L-attrici tghid li l-konvenut kien wieghdha li kien hallas, izda ma kienx jirrizulta.[43]

Fil-kapacita' tieghu personali, il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas il-final settlement system, u l-bilanci tas-sigurta' socjali. Jirrizulta mill-istess dokument li l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas il-bilanc ta'

[40] Ara Dok. OCT 12 a fol. 1349 tal-process.
[41] Ara DOk. OCT 13 a fol. 1350 tal-process.
[42] Ara Dok. BP11 – BP 12 a fol.1412 - 1419 tal-process
[43] Ara DOK.OCT 14 a fol. 1351 tal-process.

€2, 491. 68[44], flimkien mat-taxxi addizzjonali u l-kontribuzzjonjiet in full.

Dwar l-istock li kien hemm fil-hanut li safa' nieqes, il-konvenut in kontro-ezami jakkuza lill-attrici peress li kellha c-cwievet ghall-hanut u kienet marret xi darbtejn biex tiehu xi oggetti mill-istess hanut.

11. Joseph Sammut, accountant u awditur tal-partijiet, ighid li qabel is-sena 2003 kien jiehu hsieb ix-xoghol ta' natura fiskali u finanzjarja tal-attrici. Mill-4 ta' Awissu, 2003, giet registrata s-socjeta' "The Pathfinders Company Limited (C 31879)" u jghid li l-proprieta' hija fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet u t-tnejn huma diretturi. Fuq l-attrici jghid li meta kienet tiggestixxi n-negozju wahedha kienet toqghod attentata li ma tidholx f'hafna piz zejjed u qatt ma dahlet ghall-commitments li ma kinitx certa li se tasal ghalihom.

Sammut ikompli jghid li wara li giet registrata l-kumpanija, ix-xoghol ta' kontabilita' u hafna mid-decizjonijiet tan-negozju bdew isiru mill-konvenut u kien hawn li l-kumpanija kienet dahlet ghal spiza kapitali sostanzjali biex tiftah it-tieni hanut f'San Pawl il-Bahar. Ghal bidu jghid li n-negozju kien qed jigi gestit tajjeb u kien ihalli rizultati finanzjarji tajbin.

Ighid li meta beda l-inkwiet bejn il-partijiet fis-sena 2008, dan kien halla effett sostanzjali fuq in-negozju, tant li giet irregistrata "turnover" ta' 30% u telf ta' €38,069. Jispjega li l-affarijiet komplew sejrin ghall-aghar u fis-sena 2009, it-turnover rega' nizel bil-21% u wassal ghall-

[44] Ara Dok. OCT 15 a fol 1352 tal-process.

telf ta' €71, 792. Meta mbaghad nghalqet is-sena finanzjarja ghas-sena 2009, ighid li kien talab lill-konvenut diversi drabi ghall-informazzjoni finanzjarja sabiex jaghmel il-verifika ghas-snin 2010 u 2011, izda qatt ma wasslitlu dina l-informazzjoni u l-istess kontijiet ma sarux.

Sammut jattribwixxi l-problemi fil-qaghda finanzjarja tas-socjeta' ghal zewg fatturi u cioe': (a) gestjoni skoretta tar-retail outlet ta' San Pawl, inkluz il-gestjoni fuq bazi ta' "cash" u konsegwentement kien hemm nuqqas ta' kontroll fuq il-movimenti monetarji u (b) aljenazzjoni ta' parti mid-dhul tar-retail outlet ta' San Pawl 'l barra mic-cirku tan-negozju b'konsegwenza illi l-kera, id-dawl u l-ilma ma bdewx jithallsu, il-kredituri bdew telghin u l-posizzjoni mal-bank stagnat.

12. Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. pprezentat is-segwenti kontijiet bankarji li seta' jew kellhom il-partijiet bejn is-sena 2002 u l-11 ta' April, 2013. F'isem l-attrici kien hemm is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account numru 054 173968 050 u tghid li sat-30 ta' Marzu, 2013 kien hemm bilanc ta' "0." [45]
ii) Savings account numru 016 178931 050 li nghalaq fit-2 ta' Ottubru, 2010;[46]
iii) Loan account bin-numru 016 178931 340 u dan il-kont huwa maghluq.[47]
iv) Savings account numru 054 117403 051 li huwa maghluq;

[45] Ara Dok.AG 1 a fol.308 tal-process.
[46] Ara Dok. AG 2 a fol.320 tal-process.
[47] Ara Dok. AG 3 a fol.329 tal-process.

v) Visa gold account numru 4035 7100 0053 7949 u sal-31 ta' Dicembru, 2007 kien hemm bilanc ta' €46.31.[48]

F'isem il-konvenut kien hemm is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Savings account numru 016 177834 050 u l-bilanc sat-28 ta' Marzu, 2013 kien "0;"
ii) Loan account bin-numru 016 177834 340 fejn kien hemm debitu ta' €7,341.12 sal-15 ta' April. 2013;
iii) Kien hemm tlett kontijiet maghluqin visa account card account numru 4568 8210 4050 5229, kif ukoll master card account numru 5422 0129 4032 7228 u visa gold account numru 4035 7100 0054 1743 u l-kontijiet ipprezentati jmorru lura sal-31 ta' Dicembru, 2007.[49]

Kontijiet li nstabu f'isem il-partijiet "joint" huma s-segwenti:-

(i) Current account numru 016 179012 001, maghluq[50];
(ii) Loan account numru 016 179012 340 maghluq;[51]
(iii) Loan account numru 016 179012341 maghluq u l-istess loan account numru 180 112 84.[52];
(iv) Credit cards[53]

---

[48] Ara Dok. AG 4 a fol.331 tal-process
[49] Ara Dok.AG 9 a fol.430 tal-process.
[50] Ara Dok. AG 10 a fol.434 tal-process.
[51] Ara Dok. AG 11 a fol.511 tal-process.
[52] Ara Dok. AG 13 a fol.516 tal-process.
[53] Ara Doks. HSBC 1 – HSBC 4 a fol. Tal-process.

13. Christine Farrugia in rapprezentanza ta' Banif Bank Malta plc. sabet kont f'isem il-konvenut li huwa kont "savings" maghruf bhala "Pathfinders Confectionery" u ghadu miftuh.[54]

14. Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. irrizultalu kont fuq il-konvenut , li nfetah fil-21 ta' Novembru, 2007 u nghalaq fl-24 ta' Novembru, 2011.

F'isem l-attrici rrizultalu tlettax-il kont bankarju li huma s-segwenti:-

i) Current account li nfetah fil-15 ta' April, 1996 u ghad hemm bilanc ta' €19.92 u dan sat-30 ta' Marzu, 2013[55];
ii) Term deposit account illum maghluq[56];
iii) Term deposit account illum maghluq[57];
iv) savings account li ghadu attiv u fih bilanc ta' 15 cents[58];
v) savings account li ghadu miftuh u ghandu bilanc ta' 94 cents[59];
vi) savings account li ghadu miftuh u ghandu bilanc ta' 50 cents[60]. Dan il-kont jinzamm minn Marisa Borg account Mark;
vii) savings account li ghadu miftuh b'bilanc ta' €1.05[61];
viii) savings account li ghadu miftuh u ghandu bilanc ta' 46 cents[62]; business loan account illum maghluq[63];
ix) consumer loan account illum maghluq[64];

[54] Ara Dok. CF 1 a fol .536 tal-process.
[55] Ara Dok. RA 2 a fol.557 tal-process.
[56] Ara Dok. RA 3 a fol.725 tal-process.
[57] Ara Dok. RA 4 a fol.739 tal-process.
[58] Ara Dok. RA 5 a fol.743 tal-process.
[59] Ara Dok. RA 6 a fol.757 tal-process.
[60] Ara Dok. RA 7 a fol.778 tal-process.
[61] Ara Dok. RA 8 a fol.789 tal-process.
[62] Ara Dok. RA 9 a fol.800 tal-process,
[63] Ara Dok. RA 10 a fol. 845 tal-process.
[64] Ara Dok. RA 11 a fol.847 tal-process.

x) savings account li ghadu miftuh b'bilanc ta' 50 cents[65];

xi) business overdraft illum maghluq[66]

xii) visa classic card bil-bilanc"0"[67].

Ix-xhud jikkonferma li bhala kontijiet "joint" irrizultawlu tlieta li huma s-segwenti:-

i) consumer loan account illum maghluq;[68]

ii) business overdraft illum maghluq;[69]

iii) business loan account illum maghluq.[70]

F'isem is-socjeta' Pathfinders Company Limited ighid li rrizultalu zewg kontijiet li huma s-segwenti:-

i) savings account li ghadu attiv[71];

ii) current account li ghadu miftuh [72]

Ix-xhud ighid ukoll li kien sab cashlink card mit-22 ta' Novembru, 2003 sakemm inghalaq il-kont fl-24 ta' Novembru, 2011. Din il-card kienet igib in-numru 400 16699 452, marbut ma' savings account u kienet visa li minnha seta' jigbed flus minn barra minn Malta permezz tal-ATM jew meta jsir xiri mill-hwienet.

---

65 Ara Dok. RA 12 a fol.849 tal-process.
66 Ara Dok. RA 13 a fol.850 tal-process
67 Ara Dok. RA 14 a fol.889 tal-process.
68 Ara Dok. RA 15 a fol.895 tal-process.
69 Ara Dok. RA 16 a fol.898 tal-process.
70 Ara Dok. RA 17 a fol.947 tal-process.
71 Ara Dok. BOV 1 a fol. 949 tal-process.
72 Ara Dok. BOV 2 a fol.958 tal-process.

15. Ronald Cilia, in rapprezentanza ta' CRV Financial Services u bhala agenti ta' Western Union Money Transfers ikkonferma li l-konvenut kien baghat total ta' 69 transazzjoni lil persuni differenti bejn is-sena 2006 u bejn l-4 ta' Dicembru sad-9 ta' April, 2013 f'pajjizi differenti, imma l-izjed in-Nigerja u l-India ghas-somma totali ta' €18, 187.33 u dan bejn Jannar 2008 sat-30 ta' Marzu, 2012. Bejn il-31 ta' Ottubru, 2003 sat-18 ta' Dicembru, 2007 is-somma kienet €7, 542 .56. [73]

Irrizultalu ukoll illi l-konvenut kien ircieva somma ta' €214 mill-Istati Uniti minghand certu Edoghogho Konyeha li tah l-istess indirizz tal-konvenut. Dan kien ircevihom fl-1 ta' Frar, 2013. [74]

16. Nadia Micallef, in rapprezentanza tal-lending department tal-HSBC ipprezentant il-kostituzzjoni tad-debitu u l-istatements tal-loans pendenti f'isem is-socjeta' Pathfinders Company Limited[75] bil-bilanci dovuti sas-17 ta' Mejju, 2013. Dwar il-loan ezistenti (Dok.HSBC 7), tghid li dan kien ghal bidu *overdraft facility*, li gie riskedat ghal-loan li kellu jithallas fuq perjodu ta' *fixed term*. Ir-raguni ghalfejn inqaleb ghal-loan kien peress li l-overdraft dejjem kien "in excess" u allura ma kienx qed jahdem kif suppost tahdem overdraft.

Dejjem fuq l-istess loan account, kien hemm "entry" fl-14 ta' Ottubru, 2011 li kien jirrapprezenta l-bejgh ta' garaxx Hal Qormi, liema fondi gew iddepozitati fil-loan tal-kumpanija u din is-somma kienet tammonta ghal €39, 624.29.

[73] Ara Dok. RC 1 a fol. Tal-process.
[74] Ara Dok. RC 2 a fol. Tal-process.
[75] Ara Dok. HSBC 5 a fol.1158 u Doks. HSBC 6-8 a fol.1162-1166 tal-process.

Dwar loan account (Dok HSBC 8) tghid li din originarjament bdiet bhala Visa Gold card li kellha limitu ta' massimu €7,000. Dan il-kont imbaghad gie riskedat ghal loan fl-14 ta' April, 2010. Kemm il-loan u l-credit card kienu jinstabu f'isem is-socjeta' Pathfinders Company Limited. Illum fuq dan il-kont hemm bilanc ta' €37,880.20 u bhala interessi dawn kienu jammontaw ghal €8,302.08. (**Dawn il-bilanci kienu kkalkolati sa Mejju, 2013)** **emfazi mizjuda mill-Qorti.**

Dwar Dokument HSBC 9 tghid li dan huwa *sanction letter* fl-isem Pathfinders Company Limited datata 15 ta' Gunju, 2009. Tghid li l-loan originarjament kien parti biex jiffinanzja l-kapital biex jitwaqqaf il-hanut ta' San Pawl. Jirrizulta li dan il-loan inghata lis-socjeta' Pathfinders Company Limited u skond is-*sanction letter* kien hemm garanzija moghtija b'ipoteka specjali mill-partijiet fuq il-proprjeta' 166, Helson Street, Qormi, garaxx f'Sjef Street, Qormi u Flat 2, Mark's Flats, Trejqet ta' Pintu, Qormi. L-ewwel ipoteka specjali fuq l-ammont ta' €1,806,350 moghti fuq l-overdraft moghti lill-partijiet fuq il-proprjeta' 3, Valley Rd, B'Kara. Hemm ukoll r-responsabbilita' "joint and several" fuq l-ammont ta' €244,584 biex jiggarantixxu d-djun tas-socjeta' Pathfinders Company Limited.[76]

Ix-xhud esebit *commitment letter,* fost ohrajn ittra mahruga mil-Bank wara l-kostituzzjoni tad-debitu fejn juri li jridu jsiru repayments ta' €4,147 kull xahar biex jinqata' d-dejn tas-socjeta' Pathfinders Company Limited.[77]

[76] Ara pagna 3 tas-sanction letter.
[77] Ara Dok.HSBC 10 a fol.1180 tal-process.

Fuq is-*simple interest statement* hemm mehmuz mieghu deposit li saru manwalment jew cash loan account numru 016 128720 300. L-ewwel ftit kienu saru pagamenti ta' repayments direttament jew manwalment mill-kont tal-kumpanija stess li kienet *current account*. Meta mbaghad ma bdewx isiru mill-kont tal-kumpanija, bdiet twahhal kull deposit qabel ma sar ir-repayment u hemm indikat minn ghamel il-cash deposit.[78]

Tghid ukoll illi wara l-kostituzzjoni tad-debitu ta' €2, 073,50 minghand AB, dawn saru €4,000 minghand certu DE, kif juru l-cash deposits tal-Bank.[79] Il-kont numru huwa 085 098531 340.

Infetah ukoll il-kont numru  085 098531 341 li huwa loan li nfetah biex tithallas il-credit card tal-kumpanija fejn sar depozitu wiehed fid-19 ta' Mejju, 2010 fl-ammont ta' €140 u sar cash deposit f'isem AB.[80]

Ix-xhud tikkonferma li fuq id-dejn tal-kumpanija Pathfinders il-konvenut ma kienx qed jaghmel il-pagamenti u kien stqarr li kien dizokkupat. Ix-xhud ikkonfermat illi ma kinux ittiehdu proceduri.

17. NO, bin l-attrici, jiddeskrivi lil ommu bhala bniedma habbrieka li dejjem stinkat u rnexxielha tibni negozju tajjeb minghajr dejn. Ommu kienet mizzewwga lil FG, li huwa missieru. Ighid li kien kuntent meta ommu kienet iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut u haseb li fl-ahhar kien se jkollu  missier. Il-konvenut kien ilu hawn ghal xi cirka sitt xhur

[78] Ara Dok.HSBC 12 a fol.1213 tal-process.
[79] Ara Dok.HSBC 13 a fol.1239 tal-process
[80] Ara Dok., HSBC 14 a fol.1287 tal-process.

u kienet se tiskadhielu l-Visa u biex jigu evitati spejjes ta' vjaggar kien wera x-xewqa lill-attrici li jizzewwgu.

Jikkonferma li f'Awissu, 2003, il-konvenut u ommu kienu ddecidew li jwaqqfu l-kumpanija Pathfinders Company Limited. Ighid li ppruvaw jakkwistaw loan mill-Bank of Valletta plc. izda ma rnexxielhomx, imbaghad fuq insistenza tal-konvenut irnexxielhom jakkwistaw loan mill-HSBC u kkonvinchom billi ghamlu tajjeb bil-proprjeta' parafernali, kif ukoll il-proprjeta' li giet assenjata lill-attrici meta sseparat minn ma' missieru, minn liema proprjeta' x-xhud ghandu sehemu.

Ix-xhud ighid li l-konvenut iddecieda li jordna l-"fixtures" mic-Cina, minflok minn Malta ghax kienu orhos u kien ibbukkja container shih b'dawn ll-"fixtures" meta effettivament ma kellhomx bzonnhom kollha. Ippruva jbieghhom f'Malta u ma rnexxielux u spiccaw li kellhom ibiddlu l-"fixtures" fil-hanut ta' Hal Qormi, meta ma kienx hemm in-necessita'. Iz-zejjed kien tahom lill-hbieb tieghu b'xejn.

Bin l-attrici jghid li kien ghamel xi zmien jistudja l-India s-software development, izda kellu jigi lura ghax l-attrici ma felhitx thallas izjed. Ighid li tul iz-zmien li kien l-India, il-konvenut hareg bl-ideja li ried jiftah *chicken farm* fin-Nigeria u *fish farm* fl-India. Ftit wara, ommu u l-konvenut kienu marru jixtru l-art fin-Nigeria. Illum ma jafx x'sar minnha din l-art. Ighid ukoll li kienet nxtrat minn flus ta' ommu.

Waqt li kien l-India habib tal-konvenut kien kellmu permezz ta' skype internet u kienu ddiskutew li jwaqqfu fish farm.

Bin l-attrici jghid li meta gie lura Malta mill-India kien sab li l-hanut ta' Hal Qormi kien nieqes mill-merkanzija u ma kienx isstokjat kif kien ikun issoltu. Illum ighid li jghin lil ommu fil-hanut u kellu jiehu loan biex ighinha ghaliex l-HSBC ma jridux igeddu z-zmien li fih ghandha thallas il-loan. Kien hemm ukoll dar ta' nannuh li kellha tinghata bhala garanzija fuq il-loan li l-konvenut dahal ghaliha u li kieku kien jiritha ghax kellu dritt ghaliha minhabba hu l-uniku wild tal-attrici.

18. Il-konvenut ighid li ghall-bidu r-relazzjoni taghhom kienet wahda tajba u kien anke jiehu hsieb bin l-attrici, li kellha minn zwieg iehor. Kien ighaddi hafna hin ighinu fl-istudju tieghu, imma mbaghad beda jinqala' l-inkwiet mal-attrici ghax rieditu jmur ighin fil-hanut u mbaghad beda jghinu filghaxijiet wara li jkunu ghalqu l-hanut.

Ighid li bin l-attrici kien spicca l-iskola bejn 2006/2007 u fis-sena 2008, meta kien se jibghat lil hutu biex jistudjaw l-IT l-India, urih ix-xewqa li jmur jistudja l-IT hemm ukoll u hu u l-attrici kien qablu u kien mar l-India.

Kienu siefru diversi drabi bhala familja u jghid li marru l-Germanja, l-Italja, Dubai, l-India u l-Awstrija jew bhala vakanza jew fuq xoghol.

Il-konvenut jispjega li kellu diversi kwalifiki fl-IT u kien gie anke accettat fl-Universita' hawn Malta fl-2008. Kien qal lill-attrici li ried ikompli l-istudji tieghu mill-bidunett li kienu ltaqghu u fl-ahhar meta gie accettat ghall-Universita' fl-2008 biex isegwi l-kors ta' Communication and Computer Engineering kienet accettat.

Minhabba li kien se jibda jattendi l-Universita', hu u l-attrici kienu ftehmu li jbieghu l-hanut ta' San Pawl ghall-prezz ta' Lm100,000 sabiex ihallsu d-dejn mal-Bank. Kien sab akkwirent li ried ihallas Lm80, 000, Lm50,00 bhala depozitu u l-bqija jhallashom bl-installments. Pero' jghid li l-attrici ma kinitx accetat dina l-offerta. Wara li telaq ighid li kien sab zewg akkwirenti ohra tal-Convenience Stores u tac-Chef Choice.

Isemmi ukoll li kienu marru l-India u nefqu cirka Lm15,000 fuq proceduri, titjiriet u lukandi, ghaliex l-attrici kienet qaltlu li kienet giet defrawdata $70,000 minn Indjan. Il-konvenut ighid li kien ghenha tfittex dan l-Indjan u kien anke kiteb lill-pulizija l-India.

Il-konvenut ikkonferma li hu, flimkien mal-attrici u binha kienu marru n-Nigeria biex jixtru l-art u kienu minn zmien ghal zmien jibghatu l-flus biex ihallsu ghaliha.

Jametti ukoll li kien jibghat il-flus lill-familjari tieghu gewwa n-Nigeria u dan ghamlu bil-kunsens tal-attrici.

Il-konvenut isemmi li l-problemi taghhom bdew f'Settembru, 2008 meta kien beda jattendi l-Universita'. Ighid l-attrici kienet bdiet tinnervja ghaliex kienet qed tispicca wahedha tiehu hsieb zewg hwienet. Kien jipprova jghinha billi jifthu l-hanut ta' Hal Qormi u mbaghad kien jinzel San Pawl biex jiftah lill-kaxxiera u kien jitlaq l-Universita' fejn kien jispicca jitlef l-ewwel lezzjoni. Meta ma kienx ikollu l-lectures kien imur ighinha Hal Qormi u mbaghad wara li jkun spicca mill-Universita' kien jispicca jmur San Pawl u jibqa' hemm sakemm jaghlqu fid-9.30 pm fix-Xitwa u fil-11 pm fis-Sajf.

Il-konvenut ighid li l-attrici kienet keccietu f'Dicembru, 2008 u dan minhabba li kellhom xi jghidu ghax kienu taw xi bziezaq lill-habib tal-attrici. Bdiet tghajjru u l-attrici saret aggressiva mieghu. Kien beda jorqod il-hanut u ftit wara l-attrici kienet nizlet u kienet bdiet tiehu affarijiet mill-hanut waqt li kien ikun l-Universita'. It-tieni incident kien minhabba li ried karozza biex imur San Pawl u l-Universita'. Meta ndunat li ma kienx qed ikellimha minhabba l-atteggjament taghha, bdiet theddu li se tikkometti suwicidju jekk ma kienx se jitlaq mid-dar. Ighid li kien tkellem ma' omm l-attrici u qallha li jekk kien hekk il-kaz kien se jitlaq. Ighid li tul is-snin li damu flimkien, xi seba' snin, hajtu kienet iddur mal-hanut sakemm beda l-Universita'.

Il-konvenut isemmi li kien hemm xi tlett rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tieghu. Wahda minnhom kienet fejn allegat li kien aggressiv maghha meta kien mar fil-hanut ta' Hal Qormi biex jigbor xi basktijiet. Il-konvenut jichad dan u jghid li hi kienet aggressiva mieghu.

Meta telaq il-konvenut ighid li ma kien ha xejn mid-dokumenti personali tieghu jew oggetti personali tieghu. Kienet inqalghet kwistjoni dwar il-passaport tieghu, ghax l-attrici nsistiet li kienet tilfet kull dokument li kellha u kienet ghamlet rapport f'dan is-sens. Eventwalment kien gie nfurmat li l-passaport tieghu kien instab.

Ir-rapport iehor kien li l-attrici kienet irrappurtat ic-Citizenship and Expatriate Department li l-konvenut kien telaq mid-dar ftit granet wara li kien akkwista c-cittadinanza.

Waqt il-medjazzjoni, il-konvenut isemmi li kienet baghtet ghalih l-attrici, biex inizzel it-trukk Hal Qormi ghax riedet tbieghu. Hekk ghamlet u jghid li sal-lum ma kienx jaf kemm kien inbiegh dan il-van li kien inxtara ghall-prezz ta' Lm10,000.

Illum il-konvenut ighid li jahdem bhala xufier mal-Arriva. Kien ukoll segwa kors fil-Health Care Assistant u fid-Dementia. Kien applika ukoll ghall-kors tal-ICT li kien jispicca f'Marzu, 2005.

Il-konvenut jelenka oggetti li skond hu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.[81]

**IKKUNSIDRAT**

**RESPONSABBILITA'**

1. **<u>Dwar eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, inkluz vjolenza psikologika</u>**

Ir-rikorrenti talbet separazzjoni minn ma' zewgha peress li thoss li rrenda ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimat u abbandun versu r-rikorrenti. Fir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut eccepiet ukoll li rrenda ruhu hati ta' sevizzi.

Dwar l-addebiti skond l-Art.40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, nghad mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fis-sentenza taghha tas-27 ta'

[81] Ara lista a fol. 1501 tal-process.

Novembru, 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**, illi: ***" Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi "inoltre l-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche' il coniuge offeso possa domandare la separazjone contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingurie gravi, ma qualunque di tale cause da solo basta, perche' sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale. " Elisa Thompson vs. Edward Thompson.***[82]

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta'

[82] Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju, 1925.

Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Tezisti mbaghad id-distinzjoni bejn eccessi u sevizzi. Fadda jghallem illi "***Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge***."[83] Mill-banda l-ohra, ***"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo termentano."*** Baudry Lacantinerie jikkonferma illi "***Gli eccessi sono atti di violenza***

[83] Giurisprudenza, Art.150, para.214.

***compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione."***[84]

L-attrici tibbaza l-htija tas-separazzjoni fuq il-konvenut minhabba **sevizzi**, **eccessi u mohqrija**. Is-sevizzi jridu jkunu atti krudili mhux fizikament, izda dawk l-atti li jwasslu biex jittormentaw lill-attrici. L-eccessi jirrikjedu atti ta' vjolenza li jistghu jhallu l-hajja tal-parti l-ohra fil-periklu. Il-mohqrija tirrikjedi ukoll atti ta' vjolenza u mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' aggressivita' da parti tal-konvenut li setghet waslet ghall-problemi fiz-zwieg.

Dwar **is-sevizzi**, **it-theddid u offizi gravi**, l-attrici tiddeskrivi li l-konvenut kien gie Malta wara li ltaqghu fuq chatline. Wara li zzewwgu, il-konvenut kien gentili, edukat, intelligenti, jaf immur man-nies, dhuli u cajtier, izda wara z-zwieg, ftit jew wisq inbidel ghax kien beda jsir dominanti, kien johrog u jdum barra u ma kienx jikkomunika maghha. Wara li l-attrici kellha taghmel operazzjoni f'darha u ma setghetx tinzel fil-hwienet, il-konvenut kien ha r-rigni f'idejh tal-hwienet. Kien beda jibghat il-flus mill-qliegh tal-hanut ta' San Pawl lill-familjari tieghu u kien anke approfitta mill-generosita' tal-attrici billi gielgha thallas sabiex hutu jmorru jistudjaw l-India u hallas kollox mill-flus taghhom. Kien jizbanka ripetutament ammonti ta' flus mill-kontijiet bankarji tal-attrici.

[84] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para.35.

Dawn l-atti prattikament waslu ghall-falliment finanzjarju tal-attrici u ghat-torment psikologiku.

Il-konvenut ikkaguna aktar problemi meta beda jmexxi l-hanut ta' San Pawl u halla hafna djun u wara li telaq mid-dar matrimonjali kien qed izomm il-qliegh ghalih. Dan kollu pogga lill-attrici f' posizzjoni prekarja u finanzjarjament f'posizzjoni difficli. Mill-provi prodotti mill-attrici jidher li l-konvenut mhux dejjem kien onest maghha u abbuza mill-generosita' taghha biex jakkomoda l-familja tieghu, filwaqt li hawn Malta halla hafna problemi tad-djun, li mill-provi jirrizulta li kellha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.

Dan kollu wassal sabiex l-attrici ma thossix tajba mentalment u fejn qabel kienet dghajfa fil-konfront tal-konvenut ghax kien jikkmandaha f'kollox, fl-ahhar iddecidiet li kien wasal iz-zmien biex tieqaflu. Meta rah hekk, lanqas kienu ghaddew ftit granet minn meta gab ic-cittadinanza, li ma telaqx mid-dar matrimonjali. L-effett ta' dan kollu halla lill-attrici tbati minn depression u anke pressjoni gholja sakemm regghet bdiet toqghod fuq saqajha.

Ghaldaqstant, hemm provi bizzejjed biex il-konvenut ikun il-htija tas-separazzjoni minhabba sevizzi, theddid u offizi gravi.

**ABBANDUN**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"**

L-attrici tallaccja l-fatt li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali peress li kien akkwista c-cittadinanza u ried imexxi l-hanut ta' San Pawl wahdu. L-attrici riedet tfisser li l-konvenut kellu intenzjoni wahda meta zzewwigha u din kienet biex jikseb ic-cittadinanza. Da parti tieghu, il-konvenut ighid li telaq mid-dar matrimonjali peress li l-attrici ma riditux

joqghod hemm izjed u heddidtu li jekk ma jitlaqx kienet se tikkommetti suwicidju. Isostni li peress li beza' li taghmel hekk, kien minn jeddu qabad u telaq mid-dar matrimonjali. L-attrici ma gabitx provi in kontestazzjoni ta' dan, izda ciononostante, li trid tiddeciedi dina l-Qorti huwa jekk il-konvenut telaq minghajr kawza gusta u volontarjament. Jidher li ftit jiem wara li l-konvenut akkwista c-cittadinanza Maltija, bla esitazzjoni ta' xejn qabad u telaq mid-dar matrimonjali. Huwa minnu li kien hemm diga' hafna dizgwid bejn il-konjugi, pero' c-cittadinanza stess kienet wisq kumbinazzjoni mal-abbandun tieghu. Ghalhekk, din mhix raguni gusta u l-konvenut huwa responsabbli minhabba abbandun. Peress li telaq fis-sena 2009, il-perjodu tas-sentejn ma tibqax in diskussjoni.

Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut jwaddab il-htija fuq l-attrici minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi.

Mill-provi prodotti mill-konvenut ma jirrizulta l-ebda htija konvincenti fuq l-attrici, hlief li hija persuna ingenwa u halliet lil zewgha japprofitta ruhu minnha.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Mill-provi prodotti jidher li l-attrici minn dejjem hadmet u mexxiet negozju. Illum minhabba c-cirkostanzi li wassluha ghas-separazzjoni minn ma' zewgha kellha tbiegh il-hanut ta' Hal Qormi lil binha u timpjega ruhha mieghu.

L-istess konvenut illum ighid li jahdem bhala xufier u ghaldaqstant jaqla' l-introjtu tieghu.

Tenut ta' dawn il-fatti u l-provi migjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti, ma jirrizultax li hemm lok ghall-hlas ta' manteniment lejn ebda mill-partijiet gialadarba huma "self-sufficient."

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Hemm diversi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u mill-provi migbura jirrizultaw is-segwenti:-

a) Shares fis-socjeta' Pathfinders Company Limited (C31879);
b) Shares fis-socjeta' "Compass Navigator Company Limited" li giet registrata n-Nigeria u l-attrici ma tafx dettalji dwarhom ;
c) Shares fis-socjeta' Pathfinders Malta Company Limited li giet irregistrata ukoll fin-Nigeria u l-istess l-attrici ma tafx dettalji dwarhom;
d) Porzjon art tal-kejl ta cirka 15,262 acres fir-rahal ta' Lokoji Agewe fin-Nigeria, li giet akkwistata fil-5 ta' Frar, 2009;
e) HSBC accounts number 01617901201, 016128720001 u 016128720050;

f) Kontjiet mal-Bank of Valletta plc. numri 11505411073, 40011207344, 40011207360, 4011207645, 40011642792, 40016699453, 40012809864, 400123215130, 20013654966;
g) Intercontinental Bank, Danonole Branch, Nigeria bin-numri 0001001000162551, 0001110000316612, 0001250000647057, 0001201000000063, 0001190000000150, liema kontijiet intuzaw mill-konvenut skond l-attrici biex jitrasferixxi l-flus lill-familjari u lil terzi;
h) Middlesea Life Insurance Policy numru FP 449788 HSBC Bank Malta plc. life policy numru 200 009047 li ntuzaw bhala garanzija fuq il-loans biex jarmaw il-hwienet, in partikolari dak ta' San Pawl u t-tieni polza kienet tithallas mill-attrici fis-somma ta' €61.15 mensilment;

**<u>DJUN PERSONALI JEW TAS-SOCJETA' PATHFINDERS CO.LTD.</u>**

a) Fil-15 ta' Gunju, 2009, l-HSBC kien hareg sanction letter fejn inghata facilita' ta' loan fis-somma ta' €233,000 oltre l-imghaxijiet mehud mal-HSBC Bank Malta plc. lis-socjeta' Pathfinders Company Limited li mbaghad inbidlet f'"re-scheduled overdraft." biex jarmaw il-hwienet, l-aktar dak ta' San Pawl, fejn spiccat l-attrici tghid li kienet qed thallas is-somma ta' €2,000 kull gimgha sabiex tevita li tbiegh aktar proprjeta' parafernali sabiex isalda d-dejn u dan peress li l-konvenut ma baqax jonera l-pagamenti. kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel. Il-hanut kien gie armat mill-aqwa.

L-attrici tghid li l-pagamenti kienu jsiru permezz ta' *standing order*, izda biex tlahhaq mad-dejn kienet thallas ukoll xi pagamenti *cash*

mill-hanut ta' Hal Qormi u fil-fatt bejn Dicembru, 2009 u Gunju, 2010 kienet hallset cirka €28,000[85]. Ir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc. kien esebixxa *cash deposit vouchers* li kkonfermaw li l-pagamenti li saru fuq l-*overdraft* kienu saru mill-attrici.[86]

b) Kienet saret kostituzzjoni ta' debitu datata 22 ta' Mejju, 2012 ghar-rimanenti bilanc li kien fadal u cioe' s-somma ta' €200, 946.28, wara li kienet hallset parti mid-debitu bil-proprjeta' parafernali taghha fl-ammont ta' €104, 800.00.[87] Il-ftehim kien li l-partijiet kellhom ihallsu s-somma ta' €4,147.00 mensilment, nofs kull wiehed. Il-konvenut kien hallas ftit wisq u r-rimanenti thallsu mill-attrici, li kellha tbiegh diversi proprjetajiet parafernali li ser jigi spjegat aktar 'l isfel. Fost ohrajn, fil-fatt, kellha tbiegh xi deheb li rceviet minghand ommha, flimkien ma' Isuzu Elf Box Van. Illum skond l-attrici u l-HSBC Bank Malta plc. li hargu l-kancellament tal-ipoteki, id-dejn thallas kollu.

c) Kien hemm diversi kontijiet ohra mal-HSBC Malta plc. li llum hafna minnhom huma maghluqin. Dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Savings account numru 054 173968 050 u sat-30 ta' Marzu, 2013 kien hemm bilanc ta' zero;

ii) Savings account numru 016 178931 050 li naghlaq fit-2 ta' Ottubru, 2010;

iii) Savings account f'isem il-konvenut bin-numru 016 177834 050, fejn il-bilanc sat-28 ta' Marzu, 2013 kien jammonta ghal zero;

[85] Ara Dok. TM 28.
[86] Ara fol. 1227 – 1235 u fol. 1251-1289
[87] Ara DOK. TM7

iv) Current account bin-numru 016 179012 001 – il-kont maghluq;

v) Loan account bin-numru 016 177834 340 fejn hemm debitu ta' €7,341.12 sal-15 ta' April, 2013;

vi) Loan accounts maghluqin: 016 178931 340; 016 179012 340; 016 179012 341 and 180 112 84.

vii) Hemm il-dejn fuq il-Visa Gold, Visa Classic u Master Card.

d) Djun dovuti fuq il-Visa Account mahrug fuq isem l-attrici, izda li kien jaghmel uzu minnu l-konvenut. L-attrici tghid li kienet qed thallas €139 mensilment fuq il-kont ta' HSBC u €50 kull xahar fuq il-BOV mastercard minkejja li ma kinitx ghamlet dan id-dejn hi, izda kien il-konvenut peress li kellu access ghall-internet key u l-cards;

e) Djun ta' cirka €50,000 dovuti lil diversi agenti u suppliers ta "The Pathfinders Confectionary," St. Paul's Bay;

**f) Djun ta' cirka €15,000 dovuti lill-agent Taljan, minghand min il-konvenut kien ordna merkanzija ghall-hanut ta' San Pawl;**

Il-konvenut kien holoq dejn mas-socjeta' Syneos Srl. minhabba li kien naqas li jhallas ghal xi merkanzija u dan meta kien qed jagixxi ghan-nom ta' "Pathfinders Company Limited." Is-socjeta' Taljana kellha pretensjoni ta' cirka €12, 276.63 ,[88] pero' qatt ma nfethu proceduri kontrihom sal-lum.

[88] Ara fol. 1412

**g) Arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma fuq il-hanut ta' San Pawl li kienu jammontaw ghal in cirka €20,000 u dan sakemm dam il-konvenut jiggestixxi l-hanut wahdu;**

Dwar kontijiet tad-dawl u ilma, miz-zmien li l-konvenut beda jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl, sahansitra kienu nfethu proceduri ta' arbitragg kontrihom ghas-somma ta' €33,666.77,[89] liema ammont huwa dovut ghall-kontijiet tad-dawl, ilma meters u charges, spejjes legali u interessi ghall-hanut ta' San Pawl.[90] L-attrici tghid li l-ahhar kont li hallsu kien fl-2009. Ciononostante tghid li s-servizz ma waqafx ghaliex il-konvenut kien qed jaghmel xi pagamenti u effettivament fis-16 ta' Mejju, 2012 kien ghamel pagament ta' €700,[91] pero' kien hemm zmien fis-sena 2012 fejn l-ARMS kienu nfurmawha li kienu se jwaqqfu s-servizz u hekk kienu ghamlu ghal xi zmien. Hawnhekk in kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li f'dan iz-zmien kien qed jagixxi ghan-nom tieghu personali. Il-kaz illum ghadu pendenti, pero' s-somma pretiza mill-ARMS giet ridotta ghal €30, 960.38.

**h) Arretrati fuq il-hanut ta' Hal Qormi fl-ammont ta' €10,000 li kienet qed thallas l-attrici;**

Charles Grech Company Limited kien fethet kawza kontra l-istess socjeta' " The Pathfinders Company Limited," u l-partijiet personalment, ghas-somma ta' €11, 340.11. Din il-kawza spiccat b'sentenza mil-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Jannar, 2017, fejn gie deciz favur Charles Grech Company Limited kontra l-konvenuti

---

[89] Ara Dok. BP 20 a fol1466 tal-process.
[90] Ara Dok. PB 4 a fol.1307 tal-process u dok. TON 1 u TON 2 a fol. 1482- 1485.
[91] Ara Dok.TON 3 a fol. 1486 tal-process.

kollha. L-attrici kienet appellat, liema appell ghadu pendenti sal-lum, pero' tinsisti li ugwalment huwa dejn li gie kkreat minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenut u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghalihom.

i) Arretrati tal-VAT tas-socjeta' Pathfinders Company Limited fuq iz-zewg hwienet;

j) Arretrati tal-income tax fl-ammont ta' €24,000 tas-socjeta' "The Pathfinders Company Limited," li llum m'ghadhiex tiffunzjona stante illi l-hanut ta' San Pawl inghalaq u l-hanut ta' Hal Qormi nbiegh, filwaqt li l-avvjament baqa' jigi gestit mill-attrici f'isimiha personali u fuq Vat numru taghha personali.

**k) Arretrati ta' kera dovuti lis-sid il-kera tal-hanut ta' San Pawl, Maria Assunta Camilleri;**

Minn mindu l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali u beda jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl ma kienx qed jonera l-pagamenti tal-kera regolarment, tant li sid il-kera spiccat fethet kawza kontra l-partijiet fejn b'sentenza moghtija mill-Bord Tal-Kera datata 3 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet **Maria Assunta Camilleri vs Timothy Tonwuru u Marisa Tonwuru (Rik.Nru. 94/2012),** il-partijiet gew ordnati li jhallsu arretrati ta' kera dovuti ghall-perjodu bejn Lulju, 2012 u Ottubru, 2012 fl-ammont ta' €6,314, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjes.[92]

**l) Arretrati ta' internet u kontijiet tat-telefon tal-hanut ta' San Pawl.**

[92] Ara fol. 1337 tal-process.

L-attrici tghid li l-Go Plc. kienu qed jippretendu kreditu ta' €349.42 fuq il-kont tat-telefon tal-hanut ta' San Pawl, li spiccat hallset ghalih l-attrici tenut kont tal-fatt li l-ammont kien relattivament zghir.

m) **<u>Arretrati ta' licenzji ghall-hwienet</u>**

n) L-attrici kkonfermat ukoll li kienet irceviet talba ghall-pagament ta' €699.04 dejn rapprezentanti n-nuqqas ta' hlas fuq medda ta' erba' snin.[93]

**<u>PROPRJETAJIET PARAFERNALI TAL-ATTRICI LI NBIEGHU BIEX JITHALLAS ID-DEJN TAL-PARTIJIET U THE PATHFINDERS COMPANY LIMITED</u>**

1. L-attrici kellha tbiegh Hudson Garage, Triq is-Sajf, Qormi ghas-somma ta' €104,821 biex jigi saldat parti mid-dejn mal-HSBC Bank Malta plc. Dan il-bejgh sar qabel ma saret il-kostituzzjoni tad-debitu peress li l-konvenut ma kienx qed illahaq mal-pagamenti;

2. Id-dar no.3, Valley Road, B' Kara, li kienet wirtet l-attrici minghand missierha, kienet inbieghet lil binha u martu ghas-somma ta' €105,000, li minnhom thallsu €86,137.73 u mbaghad kien ghad fadal bilanc ta' €121, 385.17.

3. Bieghet ukoll il-Flat no.2, Mark's Flats, Dun Gwakkin Street, Qormi ghas-somma ta' €66,000 lil Joseph u Louise Cauchi skond kuntratt datat 14 ta' Ottubru, 2012.[94]

---

[93] Ara fol. 1306 tal-process.
[94] Ara Dok. BP 2 a fol. 1378 – 1379 tal-process.

4. Il-hanut Hudson Confectionery, Triq il-Helsien, Qormi ghall-prezz ta’ €100, 000 skond kuntratt datat 3 ta’ Lulju, 2013, mibjugh lil binha u lil martu, L-attrici hallset ukoll it-taxxa li kienet tammonta ghal €12,000. €76,487 minn dawn il-flejjes marru lejn id-dejn tal-HSBC Bank Malta plc.

5. Bin l-attrici kellu per konsegwenza jiehu diversi loans mal-APS Bank u l-Bank of Valletta plc. biex jakkwista l-proprjeta’ t’ommu biex tibqa’ fil-familja.

6. Thallsu ukoll €53,809 lil HSBC mill-bejgh ta’ proprjeta’ ohra fi Vjal il-Helsien, Qormi.

7. B’ kollox effettivament, l-attrici hallset €321,254.73 lil HSBC Bank Malta plc., apparti l-pagamenti li saru ta’ €2,073.50 mensilment da parti taghha bejn il-perjodu Gunju, 2012 u Jannar, 2013 u dan kien bizzejjed biex thallas id-dejn kollu dovut lil HSBC. Dan kollu gie kkonfermat mid-Dokument HSBC – X. Sussegwentement, gie kkonfermat li kien sar il-kancellament tal-ipoteki permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-14 ta’ Ottubru, 2014. Peress li l-attrici kellha thallas ukoll il-capital gains l-ammont realistikament ammonta ghal €375,800.

8. L-attrici qed tinsisti li l-konvenut ghandu jhallas dawn l-ammonti kollha peress li originarjament il-loan ittiehed sabiex jitwaqqaf il-hanut f’ San Pawl, li mbaghad il-konvenut uza’ ghall-interessi tieghu minflok hallas id-djun li kellu jhallas. Fil-fatt, l-accountant taghhom Joseph Sammut ikkonferma li fis-sena 2009 kien hemm qliegh ta’ €203,520.95 u mhux minnu li kif kien isostni l-konvenut

li ma kienx qed jaqla' flus. Anke addiritura ddikjara li fl-istess zmien kien dizokkupat.

**KONTIJIET BANKARJI**

L-attrici tikkontendi ukoll li l-konvenut kien kontinwament jibghat il-flus minn wara darha lill-familjari, kif ukoll lil terzi li ma kellhiex ideja minn kienu. Il-konvenut fix-xhieda tieghu ma jinnegax dan il-fatt, izda jghid li kien jibghat flus lill-missieru biex ighin lil hutu u kien anke jibghat flus lil kugina tieghu Pilot ghax kienet tiehu hsieb il-pagamenti li kien jaghmel direttament mill-Bank lilha biex thallas l-art fin-Nigeria.

Il-konvenut ma jinnegax ukoll illi kellu access ghall-internet keys u credit cards tal-attrici, izda jichad li kien hadhom waqt li l-attrici kienet qed tirkupra minn operazzjoni li ghamlet f'darha. Ighid li t-tnejn kienu jafu li kienu jinzammu gewwa cupboard u t-tnejn kellhom access ghalihom. Fil-verzjoni tieghu, il-konvenut izid ighid ukoll illi kien jibghat flus lill-familja tieghu bil-kunsens tal-attrici. L-attrici ma tinnegax li gieli kienet tghin lilll-familjari tal-konvenut, pero' kemm il-darba kienet tinduna li apparti l-flejjes li kienet tawtorizza, kien jibghat hafna aktar flus, waqt li kienet qed tipprova tlahhaq mad-djun mal-Bank u ngabu provi fuq is-segwenti:-

a) Diversi bank transfers mill-kontijiet taghha, izda effettivament kienu qed isiru mill-konvenut li kellu access ghalihom. Mid-dokument TM 29, li jirrapprezenta Visa Gold Account (card numru 4035710000537949) jirrizulta li fi Frar, 2008 biss gew trasferiti diversi fondi f'Mumbai(India) jew Lagos (Nigeria), b'total ta'

€4, 242.35.[95] Mill-istess kont f' April, 2009 u Ottubru, 2009, minn Bugibba u l-Universita' ta' Malta, fejn kien ikun l-aktar il-konvenut ingibdu total ta' €1,800 u €1,500 rispettivament.[96]

b) Fuq il-Visa account tal-konvenut (card numru 4035710000541743) jidher li kien hemm diversi transazzjonijiet lejn Lagos (Nigeria), lejn il-Bank of Baroda (Bank Indjan) u hlasijiet lil diversi hwienet f'Dubai b'total ta' €7,976.60.[97] Mill-istess Visa account kien ukoll gibed diversi flejjes kemm minn San Pawl kif ukoll mill-Universita' ta' Malta. Kien ukoll juza' master card u Visa classic account li minnhom kien jibghat flus ohra barra minn Malta[98]. Mill-provi jirrizulta addiritura li kien anke informa lil Zenith Bank f'Lagos, Nigeria li kien baghat BOV cashlink visa card lil huh.

Minn dawn il-flejjes, l-attrici kienet konsapevoli li kienu ghenu ghal ftit lil hutu li kienu marru jistudjaw l-India u fl-istess waqt kien ikkonvinciha sabiex tibghat lil binha, li mar ukoll, izda l-attrici tghid li spicca li binha mar minn taht, ghax hut il-konvenut, kienu uzaw il-fondi kollha. Kienu ffinanzjaw l-edukazzjoni taghhom mill-flus taghha u tal-konvenut.

**ART FIN-NIGERIA**

Huwa fatt li l-partijiet ikkonfermaw li kienu marru n-Nigeria u xtraw bicca art ta' cirka 15,000 tomna ghall-prezz ta' €16, 193, li spiccat giet tiswa' €26, 953, meta gew ikkalkolati l-ispejjes. Il-kuntratt ta'

[95] Ara Dok. TM 29 et seq. u fol. 1034-1036 tal-process.
[96] Ara fol. 1051 u 1057 tal-process.
[97] Ara fol. 1126 – 1129 tal-process.
[98] Ara fol. 1097, 1136, 1149, 1066-1125 tal-process.

akkwist jikkonferma li l-proprjeta' nxtrat fis-sena 2009 ghall-prezz ta' 3,050, 400.00 Nigerian Naira, li llum jekwivalu ghal cirka €9, 224.[99] Il-konvenut ried jiftah *chicken farm* hawnhekk.

L-attrici tghid li llum ma tafx x'sar minnha dina l-proprjeta', filwaqt li saret taf li kien hemm ittra mibghuta lilhom mill-avukat Nigerjan li biha nfurmahom li t-terren fejn kienet tinstab l-art kienet giet akkwistata mill-Gvern taghhom. Skond il-konvenut din l-art ghadha mhix taghhom, izda ghad fadal "state of occupancy" u cioe' jehtiegilhom li jigbru dan ic-certifikat tal-"occupancy" minghand il-Gvern fin-Nigeria. Jinsisti li l-pagamenti ghadhom mhux kompluti u wara li jigu konkluzi, jibghatu d-dokumenti u jiffirmaw quddiem Nutar. Pero' l-konvenut in kontro-ezami, jinsisti li mhux interessat jara x'gara ezatt minn din l-art peress li l-attrici akkuzatu li kien uza l-fondi ghal haga ohra milli biex jixtri din l-art.

Ir-rapprezentant tal-Western Union f'Malta kkonferma li l-konvenut kien baghat total ta' 69 transazzjoni lil persuni differenti bejn is-sena 2006 u bejn l-4 ta' Dicembru sad-9 ta' April, 2013 f'pajjizi differenti, imma l-izjed in-Nigerja u l-India ghas-somma totali ta' €18, 187.33 u dan bejn Jannar 2008 sat-30 ta' Marzu, 2012. Bejn il-31 ta' Ottubru, 2003 sat-18 ta' Dicembru, 2007 is-somma kienet €7, 542 .56. [100]

Ghalhekk jigi kkalkolat li l-konvenut ittrasferixxa s-somma totali ta' €18, 187.33 bejn is-snin 2008-2012 u s-somma ta' €17, 569.44, li b'kollox jammontaw ghal €35, 756.77, li hija somma ferm akbar minn dik li kien jehtieg biex tithallas l-art.

---

[99] Ara Dok. BP 13 a fol. 1420 tal-process.
[100] Ara Dok. RC 1

**PROPRJETA' PARAFERNALI**

L-attrici kkonfermat li l-konvenut ma kien gab xejn mieghu, hlief xi kotba u hwejjgu. In kuntrast, l-attrici kellha diversi proprjetajiet parafernali, li spiccat kellha tbieghhom, kif jirrizulta mill-provi hawn taht sabiex issalda d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti:-

a) Il-hanut No.166, Triq il-Helsien, Qormi;

b) Flat No.2, Trejqa ta' Pinto, Qormi u sehem indiviz tad-dar numru 3, Triq il-Wied, B'Kara, flimkien ma' sehem indiviz f'boathouse il-Mellieha;

c) Van Toyota Lite Ace b'numru ta' registrazzjoni BAG 574;

d) Hudson Garage, maghruf qabel bhala Brother's Garage, No.36, Triq is-Sajf, Qormi.

**IKKUNSIDRAT**

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, jista' jinghad li l-konvenut gie Malta ta' fuqu senduqu, b'xi ftit kotba u xi hwejjeg. Mill-provi prodotti, ir-relazzjoni tieghu mal-attrici waslet li sab il-genna tal-art hawn Malta, bl-attrici tmexxi negozju ta' grocer u confectionery, li kien tajjeb minghajr l-icken ammont ta' dejn. Il-konvenut malajr tghallem ix-xoghol u beda jghin lill-attrici, m'hemmx l-icken dubju. Id-dubju

huwa kemm verament kien qed jaghmel dan ghall-interessi tal-familja, ghax minn hawn bdew sensiela ta' abbuzi u sfruttament tal-generosita' u t-tjubija tal-attrici.

Hajjar lill-attrici biex iwaqqfu s-socjeta' The Pathfinders Company Limited biex jikru l-hanut ta' San Pawl u juzawh bhala grocery. Spiccaw kellhom jiddejjnu sew mal-HSBC Bank Malta plc. ghax il-konvenut ried jarmah mill-aqwa. L-attrici gabet provi sabiex turi li l-konvenut, li kien jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl, sakemm beda jattendi l-Universita', beda jkun negligenti fit-tmexxija tieghu, tant li beda juza' hafna mill-flus sabiex ighin lill-familjari tieghu finanzjarjament sabiex hutu jkunu jistghu jiehdu edukazzjoni tajba. Fl-istess waqt, il-flus ma kinux qed jigu amministrati sew peress li hafna spejjes kienu qed jigu ssparpaljati mill-konvenut, kif ippruvat sew l-attrici, tant li ma setghux ilahhqu mal-hlasijiet tal-loan mehud mal-HSBC Bank Malta plc.

Kien hemm diversi modi ohra li bihom il-konvenut ipprova jisfrutta lill-attrici, bhal meta gielha twaqqaf kumpanija n-Nigeria biex hutu setghu jbieghu l-hwejjeg hemmhekk. Ghenet ukoll lil wiehed minn hut il-konvenut biex jiftah salon tax-xaghar, bla ma jissemma l-fatt li l-attrici hallset l-edukazzjoni terzjarja ta' tlieta minn hut il-konvenut.

Anke jekk hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-akkwist tal-art fin-Nigeria, hemm verzjonjiet kontrastanti jekk il-flus li kien jibghat il-konvenut lil kugina tieghu in partikolari, Pilot kinux biex jigi saldati l-pagamenti tal-istess art. Kien jibghat il-flus Spanja, il-Germanja, in-Nigeria u anke Dubai. L-ammonti li gabet bhala prova l-attrici juru li gew trasferiti ferm oltre l-valur tal-art u ghalhekk il-verzjoni taghha

hija aktar verosimili. Il-konvenut ma kienx qed jaghmel dawn il-pagamenti ghall-art zgur. Lanqas jirrizulta car illum jekk verament din l-art saritx proprjeta' taghhom jew le, anzi l-konvenut jisfida u jghid li ma jinteressahx x'sar minn din l-art gialadarba l-attrici ma temminx li kien qed jaghmel il-pagamenti biex tigi ttrasferita fuqhom, izda fl-istess waqt ighid li ghad fadal li jiehdu l-"istatus of occupancy": minghand il-Gvern.

L-ingann ikompli bid-diversi djun li kellha taffaccja l-attrici wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u baqa' jmexxi l-hanut ta' San Pawl, bla ma jonora l-obbligazzjonijiet tieghu lejn il-Bank u kredituri ohra u minflok baqa' jibghat il-flus barra minn Malta, biex baqa' jizfrutta lill-attrici li waslet li kellha tbiegh kulma kellha sabiex issalva ruhha.

Ghalhekk il-provi prodotti jikkonfermaw li l-verzjoni tal-attrici hija l-aktar wahda kredibbli u l-isfruttament taghha da parti tal-konvenut ma jistax jigi injorat. Tenut kont ta' dan kollu dina l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghas-segwenti debiti:-

- is-somma ta' €6,314, inkluz l-interess u l-ispejjes skond is-sentenza tal-Bord tal-Kera datata 3 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet **Maria Assunta Camilleri vs Timothy Tonwuru u Marisa Tonwuru** fuq l-arretrati ta' kera bejn Lulju, 2012 u Ottubru, 2012;

- is-somma mhallsa lil Go plc. ghal-linja tal-hanut f'San Pawl fl-ammont ta' €349.42;

- is-somma jekk jigi deciz hekk fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **ARMS Ltd. vs Marisa Tonwuru u Timothy Tonwuru ARB 3850/2013**, liema somma giet ridotta ghal €30, 960.38 u liema somma hija kkontestata mill-attrici;

- kwalsiasi somma li tista' tkun dovuta lil Syneos Srl. wara li saret pretensjoni ta' €12, 276.63 sas-sena 2014, ghall-merkanzija mhux imhallsa, izda sal-lum ma kinux ittiehdu proceduri;

- il-pretensjoni ta' **Charles Grech Company Limited vs The Pathfinders Company Limited** u l-partijiet personalment ghas-somma ta' €11, 340.11, jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Jannar, 2017 tigi kkonfermata fl-appell;

- kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut skond id-decizjoni tal-kawza fl-ismijiet **F.S. Manduca Limited vs Marisa Tonwuru u Timothy Tonwuru (704/2014),** mis-somma pretiza ta' €911.05;

- kwalsiasi arretrati ta' income tax, Vat, kif ukoll multi tal-MFSA. Hemm ukoll dejn ta' €699.04 li jirrapprezentaw arretrati fuq il-hlasijiet tal-licenziji;

Ghandu jigi premess ukoll li jekk kemm il-darba tispicca thallas dawn l-ammonti l-attrici personalment jew ghan-nom tas-socjeta' Pathfinders Company Limited ikollha dritt ta' indenizz kontra l-konvenut;

- Is-socjeta' The Pathfinders Company Limited illum m'ghandha ebda funzjoni u ghalhekk ghandha tigi xolta, b'dana pero' li l-ispejjes tal-istess ghandhom jinqasmu bin-nofs, filwaqt li l-konvenut jibqa'

responsabbli ghal kwalsiasi dejn dovut mill-istess socjeta' mis-sena 2009 'l hemm;

Dwar is-socjeta' Pathfinders Company Malta Limited ma ngabu ebda provi u ghaldaqstant, dina l-Qorti mhix se tehodha in konsiderazzjoni ai finijiet tal-assenjazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni.

- Jirrizulta li l-konvenut ittrasferixxa diversi somom ta' flus kemm mill-kontijiet personali tal-attrici u dawn jammontaw ghal €17, 781.91, kif ukoll €35, 756.77 li baghat tramite l-Western Union. Oltre dan hemm is-somma ta' €28,000 li hallset inizzjalment l-attrici fuq il-loan u dan mill-qliegh tal-hanut ta' Hal Qormi, flimkien mas-somma ta' €375,800 li hallset l-attrici lill HSBC Bank Malta plc. permezz tal-bejgh tal-proprjeta' parafernali kollha taghha (inkluz l-pre-tax u capital gains). Ta' dawn id-debiti ghandu jinzamm responsabbli ukoll il-konvenut.

- Fuq l-art fin-Nigeria, din ghandha tigi assenjata lill-attrici u ghandu jigi nnominat perit sabiex jaghmel valutazzjoni tal-istess, sabiex jekk ikun  il-kaz is-sehem tal-konvenut mill-istess art titnaqqas mill-ammonti dovuti lill-attrici, okkorrendo bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-istess divizjoni u kuratur biex jidher fl-assenza tal-konvenut. Ghandu jigi pprecizat ukoll li l-attrici ghandha preliminarjament tirregola l-posizzjoni tal-istess trasferiment tal-art, stante li jidher li ghad irid jinhareg mill-Gvern tan-Nigeria c-certifikat tal- "state of occupancy.";

- Is-socjeta' Compass Navigator Company Limited irregistrata n-Nigeria ghandha tigi assenjata lill-attrici jekk kemm il-darba l-istess

socjeta' ghandha l-assi u ishma ta' valur u dan stante li l-attrici mhix informata fuq l-istess socjeta', altrimenti l-istess socjeta' ghandha tigi xolta skond il-proceduri n-Nigeria;

- L-attrici ghandha zzomm il-kontijiet bankarji li ghandha f'isimha, filwaqt li l-flus depositati fil-kontijiet bankarji tal-konvenut kemm lokali kif ukoll dawk barranin (Intercontinental Bank, Danonole Branch, Nigeria) fejn il-konvenut kien fetah diversi kontijiet u dan sas-sena 2012 ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet u dan stante li l-konvenut baqa' jiggestixxi l-hanut ta' San Pawl u jzomm l-introjtu ghalih.

- Il-polza ta' assikurazzjoni mal-Middle Sea Insurance ssemmiet bhala ass formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda ma ngabux provi jekk gietx *surrendered*, allavolja wiehed jissopponi gialdarba d-dejn mal-HSBC Bank Malta plc. thallas kollu, dan sar. Fin-nuqqas, l-istess polza ghandha tinzamm mill-attrici.

**<u>DEKADENZA</u>**

Minhabba l-fatt li jirrizulta li l-htija tal-konvenut kienet relatata ma' abbandun, ghandu jkun hemm dekadenza fil-konfront tal-konvenut.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' t-talba attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, filwaqt li tichad l-ewwel kontro-talba in parte;

2. Tichad din it-talba stante li l-attrici tahdem, filwaqt li tichad ukoll it-tieni kontro-talba;
3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba u dan stante d-decizjoni taghha fit-tieni talba u l-istess ghat-tielet kontro-talba;
4. Tilqa' l-hames talba;
5. Tilqa' s-sitt talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq iddikjarat, kif ukoll tilqa' l-hames kontro-talba;
6. Tilqa' s-seba' talba u tordna l-hlas tad-debiti kif fuq iddikjarat;
7. Tichad it-tmien talba ghar-ragunijiet suesposti;
8. Tastjeni milli tiehu aktar konijizzjoni tad-disa' t-talba u dan stante li l-attrici bieghet il-proprjeta' parafernali taghha biex issalda d-dejn;
9. Tilqa' l-ghaxar talba;
10. Tilqa' l-hdax-il talba', filwaqt li tichad ir-raba' kontro-talba;
11. Tichad it-tnax-il talba;
12. Tilqa' it-tlettax-il talba.
13. Tilqa' l-erbatax-il talba;
14. Tilqa' l-hmistax-il talba.

Tichad ukoll is-sitt u s-seba' kontro-talbiet tal-konvenut.

Spejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Anthony Vella.**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**